Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,273, 1 ta' Ottubru, 2019
Taqsima B

A.L. 248 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti Ġenerali tal-2019 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) It-titlu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti Ġenerali tal-2019 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad.

(2) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ma tidhirx intenzjoni kuntrarja, (a) kwalunkwe referenza għal persuna ta' sess maskil hija wkoll referenza għal persuna ta' sess femminil; (b) kwalunkwe referenza għal persuna ta' sess femminil hija wkoll referenza għal persuna ta' sess maskil; u (ċ) ir-referenzi għas-singular jinkludu l-plural u referenzi għall-plural jinkludu s-singular.

(3) F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor, it-termini użati għandha tingħatalhom it-tifsira li għandhom fil-Glossarju tat-Termini li qed jingħata hawn taħt:

Il-Glossarju tat-Termini	
It-Terminu	**It-Tifsira**
Assenti / Assenza	Tista' tirreferi kemm għal nuqqas ta' attendenza għal xi valutazzjoni kif wkoll għal meta student ma' jippreżentax xi xogħol għal valutazzjoni.
Bord	Il-Bord ta' Fakultà jew Istitut jew Ċentru jew Skola responsabbli għal Kors jew Programm ta' Studju partikolari.
Bord tal-Istudji	Il- Bord maħtur biex imexxi Programm ta' Studju skont dawn ir-regolamenti.

Il-Glossarju tat-Termini	
It-Terminu	**It-Tifsira**
Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent	Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent maħtur għal kull Kors sal-Ewwel Grad.
Dekan	Tfisser id-Dekan ta' Fakultà jew id-Direttur ta' Istitut jew Ċentru jew Skola.
Dissertazzjoni	Biċċa xogħol ta' kitba twila dwar suġġett approvat, miktuba taħt is-superviżjoni ta' tutur bħala xogħol assenjat għad-dar lejn l-aħħar tal-Kors li jwassal għall-għoti ta' grad ta' Bachelor.
Eżami	Kull valutazzjoni bil-miktub li ssir taħt superviżjoni f'ġurnata stabbilita, f'ħin u post stabbiliti u ħlief meta speċifikatament imniżżel ma tinkludix ezamijiet orali, prattiċi jew kliniċi simili u esklużvalutazzjoni ta' xogħol li jsir fuq perijodu twil bħal pjazzament f'post/kamp tax-xogħol.
Fakultà	Fakultà, Istitut, Ċentru jew Skola.
Katalgu ta' Taqsimiet Studju	Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju huwa kollezzjoni tat-Taqsimiet Studju kollha offruti minn entità akkademika. Id-deskrizzjoni dettaljata ta' kull Taqsima Studju għandha tindika t-tip, il-livell, il-kodiċi, l-isem, il-kontenut u r-riżultati tat-tagħlim, kemm tiswa kretti kull Taqsima Studju, il-metodu tal-valutazzjoni, li jrid jinkludi l-perċentwali tal-piż ta' kull komponent fejn applikabbli. Id-deskrizzjoni tat-taqsima għandha tindika wkoll fejn taqsimiet oħra għandhom jittieħdu qabel oħrajn jew jittieħdu fl-istess żmien.
Komponiment Twil	Biċċa xogħol ta' kitba twila fuq suġġett approvat, miktuba taħt il-gwida ġenerali ta' tutur bħal xogħol għad-dar obbligatorju lejn l-aħħar tal-Kors.
Kors/ijiet / Pjan ta' Kors	Kors ta' studju li jwassal għal rikonoxximent Universitarju sal-Ewwel Grad. Pjan ta' Kors jista' jinkludi Programm ta' Studju wieħed jew numru ta' Programmi ta' Studju f'Oqsma ta' Studju partikolari.
Kors professjonali	Kors li fih jingħataw ħiliet professjonali speċifiċi u li jwassal għal rikonoxximent li bih tkun tista' tidħol fi professjoni regolata.
Krettu	Il-kretti tas-sistema ewropea għat-trasferiment u l-ġabra tal-kretti (European Credit Transfer and Accumulation

Il-Glossarju tat-Termini	
It-Terminu	**It-Tifsira**
	System) jew ECTS. Kull Taqsima Studju mitmuma b'suċċess jingħatalha numru ta' kretti. F'sena akkkademika waħda *full-time*, l-istudenti huma mistennija jtemmu għadd ta' Taqsimiet Studju li flimkien ikunu jiswew 60 krettu.
L-Aħħar Opportunità għal Valutazzjoni	L-aħħar darba li student jista' joqgħod għal valutazzjoni ta' Taqsima Studju jew komponent ta' dik il-valutazzjoni. Normalment l-aħħar opportunità tkun fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru fis-sena akkademika li għaliha tkun ġiet referita Taqsima Studju mhux kompluta; f'każijiet eċċezzjonali s-Senat jista' jawtoriżża opportunità addizzjonali kif stipulat f'dawn ir-regolamenti.
Ordinamenti	L-Ordinamenti approvati mis-Senat għal kull Kors.
Programm / Programm ta' Studju	Il-lista ta' Taqsimiet Studju li jkopri Qasam ta' Studju offrut bħala Qasam ta' Studju ewlieni jew sussidjarju f'Kors. Il-Programm ta' Studju għandu jindika liema taqsimiet huma obbligatorji jew elettivi, is-sena ta' studju u s-semestru meta kull taqsima għandha tkun segwita.
Qasam ta' Studju / Qasam	Suġġett jew grupp ta' suġġetti relatati li jittieħdu flimkien fi Programm ta' Studju approvat.
Rikonoxximent Universitarju sal-Ewwel Grad	Ċertifikat *Pre-Tertiary* tal-Università, Ċertifikat Universitarju, Diploma Universitarja, Diploma Għolja Universitarja, Grad ta' Baċellerat, u Grad ta' Baċellerat bl-Unuri.
Riferiment/ Taqsima Studju Riferuta/ Valutazzjoni Riferuta	Taqsima Studju li l-istudenti ma temmewx li jkollhom permess jirriferuha għas-sena ta' wara jew għal sena ta' studju estiża.
Sistema ta' Kretti tat-Taqsimiet Studju	Sistema li fiha kull Taqsima Studju li tagħmel parti minn Programm ta' Studju jingħatalha krettu. Din is-sistema ssegwi mill-qrib lis-Sistema Ewropea għat-Trasferiment u l-Ġabra tal-Kretti (European Credit Transfer and Accumulation System) (ECTS) kif spjegat fl-ECTS Users' Guide: https://ec.europa.eu/education/ects/users-guide/docs/ects-users-guide_en.pdf.
Taqsima Studju /	Parti minn Programm ta' Studju li jimxi fuq sillabu

Il-Glossarju tat-Termini	
It-Terminu	**It-Tifsira**
Taqsima	rakkomandat mill-Bord u approvat mis-Senat, li miegħu jkun hemm marbut numru speċifikat ta' kretti ta' livell indikat, u li tista' tiġi valutata separatament. Taqsima Studju tista' tieħu s-sura ta' sensiela ta' lekċers, seminars, laqgħat tutorjali, sessjonijiet prattiċi jew kliniċi, esperjenzi fil-qasam tax-xogħol, proġetti, xogħol ta' riċerka, Dissertazzjoni, studju privat, jew tiżwiqa ta' ħidma bħal din, jew kull metodu ieħor ta' tagħlim.
Taqsima Studju Elettiva	Taqsima Studju fi Programm ta' Studju partikolari li trid tingħażel minn fost lista indikata ta' Taqsimiet Studju.
Taqsima Studju Fakultattiva	Taqsima Studju li tista' tingħażel minn medda wiesgħa ta' Taqsimiet Studju offruti mill-Università.
Taqsima Studju Konkorrenti	Waħda minn żewġ Taqsimiet Studju jew aktar li jridu jiġu segwiti flimkien matul l-istess semestru.
Taqsima Studju Kumpensabbli / Mhux Kumpensabbli	It-Taqsimiet Studju kollha, kemm jekk huma obbligatorji, elettivi jew fakultattivi, huma meqjusa bħala kumpensabbli, jiġifieri, tista' tgħaddi minnhom b'kumpens, skont kif pprovdut f'dawn ir-regolamenti, ħlief għal dawk it-taqsimiet studju obbligatorji li huma ddikjarati mhux kumpensabbli fi Programm ta' Studju, u sakemm li jekk għal xi valutazzjoni ta' Taqsima Studju ikun meħtieġ li student iġib marka mhux anqas minn 45% f'xi wieħed mill-komponenti tal-valutazzjoni, l-istudent irid iġib dik il-marka biex jgħaddi b'kumpens.
Taqsima Studju Obbligatorja	Taqsima Studju li l-istudent irid isegwi u jgħaddi minnha bilfors biex ikun jista' jimxi 'l quddiem fil-Kors jew biex itemmu b'suċċess.
Taqsima Studju Prerekwiżita	Taqsima Studju li normalment l-istudent irid l-ewwel jikseb krettu għaliha biex ikun jista' jirreġistra għal Taqsima Studju li tiġi warajha.
Taqsima Studju Sinottika	Taqsima Studju, li s-sillabu tagħha jkun jitlob li l-istudenti jintegraw l-għarfien li jkunu kisbu fit-Taqsimiet Studju li

Il-Glossarju tat-Termini	
It-Terminu	**It-Tifsira**
	jkunu diġà segwew fil-Kors tagħhom. Kull meta jkun hemm dawn it-Taqsimiet Studju fi Programm ta' Studju, dawn ikunu indikati li huma sinottiċi fid-deskrizzjoni tat-Taqsima Studju u fil-Programm ta' Studju, jkunu obbligatorji u jkunu mgħallma fl-aħħar sena tal-Programm ta' Studju.
Taqsima Studju Mhux Kompluta	Taqsima Studju hi meqjusa mhux kompluta għal dawk l-istudenti li għal kwalunkwe raġuni kienu assenti għall-valutazzjoni tagħha, jew kienu weħlu fil-valutazzjoni tagħha, u jkollom id-dritt li joqogħdu għal valutazzjoni tagħha f'sessjoni ta' valutazzjoni oħra.
Tul Statutorju ta' Kors	It-tul ta' żmien li hemm bżonn biex student itemm Kors jekk ma jirrepetix jew jestendi xi snin.
Valutazzjoni	Kull tip ta' valutazzjoni li tintuża biex tingħata marka u/jew grad li jikkontribwixxu għall-għoti ta' xi kwalifika Universitarja. Il-metodu ta' valutazzjoni għandu jkun indikat fid-deskrizzjoni dettaljata tat-Taqsima Studju u jista' jinkludi Eżamijiet miktuba jew orali; xogħol għad-dar inkluż *essays* qosra jew twal jew Dissertazzjonijiet; Eżamijiet prattiċi jew kliniċi; *portfolios*; proġetti; pjazzamenti; *case studies*; *logbooks*; valutazzjoni kontinwa f'post tax-xogħol, jew metodi oħra ta' valutazzjoni kif approvat mis-Senat, jew tiżwiqa ta' dawn, li ma' kull wieħed mill-metodi użati jkun marbut perċentwal tal-marka finali.
Valutazzjoni Riparatorja	Meta student joqgħod għal valutazzjoni wara li jkun weħel f'sessjoni ta' valutazzjoni preċedenti.
Żmien iż-Żieda/ Twaqqigħ	Perjodu ta' żmien imħabbar minn qabel li jiġi fil-bidu ta' semestru u li matulu l-istudenti jistgħu jirtiraw minn xi Taqsima li jkunu rreġistraw għaliha, jew jirreġistraw għal Taqsima oħra li tkun offruta f'dak is-semestru. Iż-Żieda jew it-Twaqqigħ ta' Taqsimiet Studju jistgħu jkunu suġġetti għal xi restrizzjonijiet.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2019 'il quddiem għall-Korsijiet kollha li jwasslu għal Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad.

L-Eliġibilità għal Rikonoxximent Universitarju sal-ewwel Grad

3. Biex ikunu eliġibbli għal Rikonoxximent Universitarju sal-Ewwel Grad, l-studenti jridu:

(1) ikunu reġistrati bħala studenti regolari f'Kors skont ir-Regolamenti għad-Dħul fl-Università;

(2) itemmu l-Kors, u jissodisfaw kull rekwiżit ieħor preskritt f'dawn ir-regolamenti u fl-ordinamenti tal-Kors;

(3) jissodisfaw kull rekwiżit ieħor preskritt f'kull statut, regolament u ordinament ieħor relevanti tal-Università, u

(4) jiksbu mhux anqas min-numru ta' kretti mitluba u f'livell mhux aktar baxx minn dak indikat hawn taħt, fosthom il-kretti kollha għat-Taqsimiet Studju obbligatorji u elettivi kif jinsab speċifikat fil-Programm/i ta' Studju u/jew fl-Ordinamenti relevanti għall-Kors li l-istudent ikun irreġistra għalih, u dejjem suġġett għar-regolamenti 18, 19 u 20 aktar l-isfel:

Rikonoxximent Universitarju sal-Ewwel Grad	**Rekwiżiti**
Ċertifikat tal-Università ta' livell pre-terzjarju	Mhux anqas minn 16-il krettu ta' Livell 0.
Ċertifikat Universitarju	30 jew 32 krettu li minnhom mhux anqas minn 26 krettu mhux taħt il-Livell 1.
Diploma Universitarja	bejn 60 jew 90 krettu, kif speċifikat fl-Ordinamenti tal-Kors, li fosthom ikun hemm mhux aktar minn 4 kretti ta' Livell 0 u mhux anqas minn 56 krettu ta' Livell 1.
Diploma Għolja Universitarja	90 jew 120 krettu, skont ma jkun speċifikat fl-Ordinamenti tal-Kors, li fosthom ikun hemm mhux aktar minn 4 kretti ta' Livell 0 u mhux anqas minn 56 krettu ta' Livell 2.
Baċellerat	180 krettu li fosthom ikun hemm mhux aktar minn 4 kretti ta' Livell 0, mhux anqas minn 56

	krettu u mhux aktar minn 68 krettu ta' Livell 1, u mhux anqas minn 108 krettu li bejn wieħed u ieħor ikunu maqsuma indaqs bejn il-Livelli 2 u 3.
Baċellerat (bl-Unuri f'Qasam ta' Studju wieħed) (Kors ta' 3 snin *full- time)*	180 krettu li fosthom ikun hemm mhux aktar minn 4 kretti ta' Livell 0, mhux anqas minn 56 krettu u mhux aktar minn 68 krettu ta' Livell 1, u mhux anqas minn 108 krettu li bejn wieħed u ieħor ikunu maqsuma indaqs bejn il-Livelli 2 u 3 li minnhom mhux anqas minn 56 krettu ta' Livell 3 iridu jkunu assenjati għall-qasam meħud bl-unuri.
Baċellerat (bl-Unuri f'żewġ Oqsma ta' Studju) **(Kors ta' 4 snin *full- time*)**	240 krettu, li fosthom ikun hemm mhux aktar minn 4 kretti ta' Livell 0 , mhux anqas minn 56 krettu u mhux aktar minn 68 krettu u ta' Livell 1, u mhux anqas minn 168 krettu li bejn wieħed u ieħor ikunu maqsuma indaqs bejn il-Livelli 2 u 3 li minnhom mhux anqas minn 50 krettu ta' Livell 3 iridu jkunu assenjati għal kull wieħed miż-żewġ oqsma meħuda bl-unuri.
Baċellerat (bl-Unuri) (Kors Professjonali ta' 4 snin *full-time*)	240 krettu li fosthom ikun hemm mhux aktar minn 4 kretti ta' Livell 0, mhux anqas minn 56 krettu u mhux aktar minn 68 krettu ta' Livell 1, u mhux anqas minn 168 krettu tal-Livelli 2, 3 u 4 li minnhom ikun hemm mhux inqas minn 100 krettu tal-Livelli 3 u 4.

Iżda:

(i) l-istudenti jistgħu jitħallew joffru kretti ta' livell ogħla minflok il-kretti rekwiżiti ta' livell speċifiku;

(ii) fid-diskrezzjoni tal-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti, student reġistrat f'Kors għall-grad ta' Baċellerat jew Baċerllerat bl-Unuri, li fi tmiem il-Kors ikun jonqsu mhux aktar minn 10 kretti biex jgħaqqad in-numru ta' kretti rekwiżiti għall-għoti tal-Grad, jista' jingħatalu grad ta' Baċellerat bil-klassifikazzjoni ta' "Għadda", fi kwalunkwe każ mingħajr unuri. Madankollu, l-istudent ikun jista' jagħżel li jirrifjuta r-rikonoxximent u jirriferixxi t-Taqsimiet Studju li jkun jonqsu għal sena estiża jew inkella li jirrepeti s-sena jekk ikun jikkwalifika għal dan skont dawn ir-regolamenti; u

(iii) fil-każ tal-għotja tad-Diploma Għolja Universitarja, is-Senat jista' eċċezzjonalment japprova programmi li għalihom hemm assenjati 60 krettu li

minnhom mhux anqas minn 56 ta' Livell 2 jew ogħla u sakemm li programmi bħal dawn jibnu fuq studji fil-livell terzjarju.

(5) Is-Senat jista' japprova wkoll għotjiet bejn il-fakultajiet li jistgħu jiġu offruti minn żewġ entitajiet jew aktar tal-Università.

Ir-Reġistrazzjoni u r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors

4. (1) L-applikanti għandhom japplikaw għall-Kors fuq il-formola preskritta u fiż-żmien stipulat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

(2) Biex ikunu reġistrati bħala studenti regolari f'Kors sal-ewwel Grad, l-applikanti jridu jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni bħala studenti regolari skont ir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università u kull Rekwiżit Speċjali tal-Kors li jkun stipulat fl-Ordinamenti tal-Kors.

Il-Pjan ta' Kors

5. (1) F'kull Pjan ta' Kors, l-istudenti *full-time* għandhom jirreġistraw għal Taqsimiet Studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu skont kif indikat fil-Programm/i ta' Studju tal-Kors.

(2) F'kull Pjan ta' Kors, l-istudenti *full-time* m'għandhomx ikunu meħtieġa u ma jistgħux jirreġistraw għal aktar minn 36 krettu f'kull wieħed miż-żewġ semestri.

(3) It-Taqsimiet Studju li jiġu mgħallma u valutati fuq medda ta' żewġ semestri konsekuttivi għandhom ikunu maqsuma indaqs bejn iż-żewġ semestri għall-fini biex ikun stabbilit in-numru ta' kretti li student jista' jirreġistra għalihom f'semestru wieħed.

6. (1) L-istudenti għadhom jagħżlu u jirreġistraw għat-Taqsimiet Studju kif preskritt fil-Programm ta' Studju tagħhom skont l-istruzzjonijiet li jingħataw mill-Uffiċċju tar-Reġistratur u m'għandhomx jitqiesu bħala studenti reġistrati għal Taqsima Studju jekk ma jkunux irreġistraw għaliha b'dan il-mod.

(2) L-istudenti m'għandhomx jitħallew isegwu Taqsima Studju u/jew jiġu valutati biex jingħataw għotja ta' krettu jekk ma jkunux irreġistrati bħala studenti ta' dik it-Taqsima Studju.

(3) Fejn Taqsima Studju partikolari tal-ewwel semestru tkun stipulata bħala prerekwiżit għal Taqsima Studju li tittieħed fis-semestru ta' wara, il-prerekwiżit għandu jitqies li ġie sodisfatt, jekk l-istudent ikun irreġistra għat-Taqsima Studju tal-

ewwel semestru, kellu attendenza sodisfaċenti u wettaq ir-rekwiżiti kollha marbuta mat-Taqsima Studju.

(4) Fejn Taqsima Studju partikolari tkun speċifikata bħala konkorrenti ma' oħra, l-istudent għandu jkollu attendenza sodisfaċenti fiż-żewġ Taqsimiet Studju.

(5) Jekk ikunu jippermettu l-limitazzjonijiet tal-orarju u restrizzjonijiet pubblikati oħra u wara li tkun sodisfatta kull kondizzjoni oħra li l-Università tista' timponi minn żmien għal żmien, l-istudenti jistgħu jibdlu l-għażla ta' Taqsimiet Studju matul Żmien iż-Żieda/Twaqqigħ li għandu jkun ippubblikat mill-Uffiċju tar-Reġistratur bl-approvazzjoni tas-Senat.

(6) Ir-Reġistratur, wara li jkun ħa l-parir tal-Fakultà konċernata jista', sakemm ikunu jippermettu l-istess kondizzjonijiet u restrizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu (5) ta' dan ir-regolament, iħalli student jibdel l-għażla tat-Taqsimiet Studju li jkun għamel, jew jirtira minn Taqsima Studju, inkella jirreġistra għaliha wara li jagħlaq "Żmien iż-Żieda/Twaqqigħ", basta ma jitħalla jsir l-ebda irtirar minn Taqsima Studju wara li jkun intemm xi wieħed mill-komponenti tal-valutazzjoni ta' dik it-Taqsima Studju.

(7) Hija r-responsabbiltà tal-istudenti li jimxu skont il-proċeduri ppubblikati li jkunu fis-seħħ f'dak iż-żmien.

It-Tul Statutorju ta' Kors

7. It-tul statutorju ta' Kors għandu jkun speċifikat fl-Ordinamenti ta' kull Kors, iżda m'għandux ikun anqas jew aktar minn dawn il-perijodi ta' studju *full-time*:

(a) semestru wieħed jew tnejn għal Korsijiet li jwasslu għal Ċertifikat tal-Università ta' Livell Pre-terzjarju;

(b) semestru wieħed għall-Korsijiet li jwasslu għal Ċertifikat Universitarju;

(ċ) żewġ jew tlett semestri għall-Korsijiet li jwasslu għal Diploma Universitarja;

(d) bejn tnejn u erba' semestri għall-Korsijiet li jwasslu għal Diploma Għolja Universitarja; u

(e) bejn sitt u tmien semestri għall-Korsijiet li jwasslu għall-gradi ta' Baċellerat u Baċellerat bl-Unuri:

Iżda l-istudenti jistgħu jitħallew isegwu Kors fuq bażi *part-time*, u f'dan il-każ iż-żmien mgħoddi fi studju *part-time* għandu jgħodd in-nofs ta' dak li jkun mitlub fil-każ ta' studji *full-time*, sakemm li fil-Programm ta' Studju approvat mis-Senat ma jistipulax mod ieħor, jew sakemm f'ċirkostanzi speċjali ma jsirx ftehim bil-miktub b'arranġamenti apposta mill-Bord mal-istudent.

Is-Sospensjoni ta' Studji

8. (1) Għal raġuni tajba u sodisfaċenti, il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jissospendu l-istudji tagħhom għal perijodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar, kemm jekk l-istudent ikun irreġistrat fuq bażi *full-time* kif ukoll jekk ikun fuq bażi *part-time*. F'każijiet bħal dawn, il-perijodu ta' waqfien mill-istudji m'għandux jgħodd meta jitkejjel il-perijodu tar-reġistrazzjoni fil-Kors f'dak li għandu x'jaqsam mat-tul meħtieġ.

(2) Student li jkun fuq sospensjoni ta' studji ma jistax isegwi xi Taqsima Studju, joqgħod għal kwalunkwe valutazzjoni, jew jaħdem fuq id-Dissertazzjoni.

Il-Kalendarju Akkademiku

9. (1) Is-sena akkademika hija magħmula minn żewġ semestri, li kull wieħed minnhom fih 14-il ġimgħa ta' tagħlim, ġimgħatejn vaganza, u żewġ sessjonijiet ta' valutazzjoni wara kull simestru, li huma sessjoni ta' valutazzjoni ta' sa tlett ġimgħat wara l-ewwel semestru u sa ħames ġimgħat wara t-tieni semestru. It-tieni semestru jkun segwit mill-vaganzi tas-sajf.

(2) Il-Valutazzjonijiet isiru ukoll f'Settembru matul il-vaganzi tas-sajf biex l-istudenti joqogħdu għal numru limitat ta' valutazzjonijiet ta' Taqsimiet Studju Mhux Kompluti, kif provdut f'dawn ir-regolamenti.

(3) Bl-approvazzjoni tas-Senat, il-Pjanijiet ta' Kors jistgħu jinkludu xi sessjonijiet tas-sajf ta' tulijiet varji.

10. Il-kalendarju għal kull sena akkademika, li jkun jindika d-data tal-bidu ta' kull semestru, id-dati riservati għall-eżamijiet, u d-dati tal-vaganzi tal-Milied, tal-Għid u tas-sajf, għandu jkun approvat mis-Senat qabel il-bidu ta' kull sena akkademika, u normalment sena bil-quddiem.

11. Il-Korsijiet għandhom normalment jibdew fil-bidu tal-ewwel jew tat-tieni semestru, sakemm ma jkunx approvat mod ieħor mis-Senat.

Il-Lingwa tat-Tagħlim u tal-Valutazzjoni

12. Il-lingwa tat-tagħlim u tal-valutazzjoni għandha tkun l-Ingliż, ħlief li għall-oqsma ta' studju li jinvolvu t-tagħlim ta' lingwa, dan jista' jkun b'dik il-lingwa. Is-Senat jista' wkoll japprova t-tagħlim ta' Taqsima Studju bil-Malti jew bi kwalunkwe lingwa oħra.

Il-Korsijiet u l-Pjanijiet ta' Kors

13. Kull Kors għandu jkun propost minn Bord li jkollu l-awtorità meħtieġa biex joffri l-Korsijiet sal-Ewwel Grad, u approvat mis-Senat permezz ta' Ordinamenti apposta.

14. Il-Pjanijiet ta' Kors għandhom ikunu approvati mis-Senat u jistgħu jikkonsistu minn Programm ta' Studju wieħed jew aktar f'Oqsma ta' Studju partikolari.

15. L-Oqsma ta' Studju li jistgħu jittieħdu f'Kors għandhom ikunu indikati fl-Ordinamenti tal-Kors. Fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-Bord għandu jindika liema oqsma huma offruti f'dik is-sena partikulari u t-tiżwiq ta' oqsma li jistgħu jittieħdu flimkien.

16. Kors li jwassal għal rikonoxximent f'aktar minn Qasam ta' Studju wieħed jista' jkun fih oqsma li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà akkademika ta' Fakultajiet differenti. Is-Senat għandu japprova dawn il-Korsijiet, basta li kull waħda mill-Fakultajiet konċernati taqbel.

Il-Programmi ta' Studju

17. Għandu jkun hemm Programm ta' Studju għal kull Qasam ta' Studju li fih ikun jista' jingħata Rikonoxximent Universitarju sal-Ewwel Grad, kemm jekk il-Qasam ikun indikat bħala Qasam ewlieni bl-unuri, Qasam ewlieni jew bħala Qasam sussidjarju.

18. Qasam ta' Studju jista' jiġi indikat bħala qasam ewlieni fi Pjan ta' Kors għal Grad ta' Baċellerat jekk jingħatawlu mill-anqas 70 krettu fil-livell addattat.

19. Qasam ta' Studju jista' jiġi indikat bħala qasam ewlieni fi Pjan ta' Kors għal Grad ta' Baċellerat bl-Unuri jekk jingħatawlu mill-anqas 110 kretti fil-livell addattat.

20. Qasam ta' Studju jista' jiġi indikat bħala qasam sussidjarju fi Pjan ta' Kors għal grad jekk jingħatawlu mill-anqas 35 krettu fil-livell addattat.

21. Il-Pjanijiet ta' Kors jistgħu jinkludu Taqsimiet Studju fakultattivi.

22. (1) Kull Programm ta' Studju għandu jkun ippreżentat għall-approvazzjoni tas-Senat mid-dipartiment jew diviżjoni responsabbli mit-tagħlim tal-Qasam ta' Studju.

(2) Il-Programmi ta' Studju għandhom ikunu approvati mis-Senat wara proċess ta' tisħiħ u reviżjoni regolari kif indikat mis-Senat minn żmien għal żmien.

23. Il-Programmi ta' Studju għandhom ikunu approvati mis-Senat normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors, u għandhom jinkludu t-Taqsimiet Studju kollha tal-Qasam, u jindikaw liema Taqsimiet Studju huma obbligatorji jew elettivi, u l-ordni li fih għandhom jittieħdu t-Taqsimiet Studju.

It-Taqsimiet Studju

24. It-Taqsimiet Studju għandhom jiġu proposti mid-dipartiment jew diviżjoni responsabbli mit-tagħlim tal-Qasam ta' Studju u approvati mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

25. Kull Taqsima Studju jingħatalha kodiċi mill-Uffiċċju tar-Reġistratur, konformi mal-prinċipji elenkati fl-Iskeda 1 - Is-Sistema tal-Għoti tal-Kodiċi lit-Taqsimiet Studju, mehmuża ma' dawn ir-Regolamenti.

26. It-Taqsimiet Studju għandhom jiġu offruti f'livelli differenti kif jidher hawn:

Livell 0 Taqsimiet Studju pre-terzjarji jew tal-bażi jew ta' profiċjenza.

Livell 1 Taqsimiet Studju li normalment jiġu offruti fl-ewwel sena ta' Kors sal-Ewwel Grad fejn wieħed jassumi li l-istudenti jkollhom livell ġenerali ta' edukazzjoni li jkun jixraqlu għall-anqas ir-rikonoxximent taċ-Ċertifikat tal-Matrikola. Fil-Korsijiet fejn biex tidħol irid ikollok rekwiżiti speċjali tal-Kors, bħalma huwa grad ta' "Għadda" f'suġġett ta' Livell Avvanzat, il-lekċerers jistgħu jassumu li l-istudenti għandhom għarfien ta' dak is-suġġett tal-anqas sa dak il-livell.

Livelli 2 u 3 Taqsimiet Studju offruti fit-tieni u fit-tielet sena ta' Kors sal-Ewwel Grad. Taqsimiet Studju ta' Livell 3 jiġu offruti wkoll fir-raba' sena ta' Kors mhux professjonali sal-ewwel grad. Il-lekċerers jistgħu jassumu li l-istudenti għandhom il-ħiliet meħtieġa assoċjati mal-istudju f'livell terzjarju.

Livell 4 Taqsimiet Studju offruti fir-raba' sena ta' Kors Professjonali. Għalkemm dawn it-Taqsimiet Studju, li fihom normalment jiġu mgħallma kompetenzi professjonali speċifiċi, jingħataw f'livell ogħla mil-Livell 3, xorta waħda jitqiesu bħala Taqsimiet Studju f'livell sal-Ewwel Grad.

Il-Bordijiet tal-Istudji

27. Il-Bordijiet tal-Istudji għall-Korsijiet kollha għandhom ikunu maħtura mis-Senat sa' Settembru għal perijodu ta' sena akkademika.

28. Kull Fakultà għandha tirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bordijiet tal-Istudji għall-Korsijiet li huma mmexxija taħt il-patroċinju ta' dik il-Fakultà. Meta jagħmel dan, il-Bord ikun qiegħed jimmira li jilħaq l-aħjar arranġament għall-ħatra ta' Bord tal-Istudji għal Kors wieħed jew għal aktar Korsijiet immexxija taħt il-patroċinju tiegħu.

29. Is-Senat jista' japprova l-ħatra ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) Bord tal-Istudji għal Qasam ta' Studju wieħed għal Kors, meta il-Kors jikkonsisti minn Qasam ta' Studju wieħed biss;

(b) Bord tal-Istudji għal Kors li jikkonsisti f'aktar minn Qasam ta' Studju wieħed offruti flimkien f'dak il-Kors;

(ċ) Bord tal-Istudji wieħed għal għadd ta' Korsijiet offruti taħt il-patroċinju ta' Fakultà, fejn dan l-arranġament huwa l-aktar xieraq;

(d) Bord li jiġi mqabbad biex iwettaq il-funzjonijiet ta' Bord tal-Istudji; u

(e) kwalunkwe waħda minn dawn li s-Senat jista' japprova minn żmien għal żmien għal Korsijiet offruti taħt il-patroċinju ta' Fakultà.

30. (1) Il-Bordijiet tal-Istudji għandhom ikunu magħmula kif ġej:

(a) fil-każ tar-regolament 29 (a), il-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul minn: (i) il-kap tad-dipartiment responsabbli mill-Qasam ta' Studju jew id-delegat tiegħu bħala *chairman*; (ii) għall-anqas żewġ membri akkademiċi oħra; u (iii) żewġ studenti eletti minn fost l-istudenti rreġistrati fil-Kors;

(b) fil-każ tar-regolament 29 (b), il-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul minn: (i) il-kapijiet tad-dipartimenti responsabbli għall-Oqsma ta' Studju kkonċernati, jew id-delegati tagħhom, li wieħed minnhom għandu jkun maħtur bħala

chairman; (ii) għall-anqas membru akkademiku ieħor minn kull wieħed mid-dipartimenti l-oħra kkonċernati; u (iii) żewġ studenti eletti minn fost l-istudenti rreġistrati fil-Kors;

(ċ) fil-każ tar-regolament 29 (ċ), il-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul minn: (i) il-koordinaturi ta' għadd ta' Korsijiet offruti taħt il-patroċinju ta' Fakultà, jew id-delegati tagħhom; wieħed minn dawn il-koordinaturi tal-Kors għandu jkun maħtur bħala *chairman*; (ii) għall-anqas membru akkademiku ieħor li jgħallem fuq kull Kors ikkonċernat; u (iii) żewġ studenti eletti mill-istudenti rreġistrati fil-Korsijiet; u

(d) fil-każ tar-regolament 29 (d), il-Bord għandu jiġi nnominat mis-Senat biex jaqdi l-funzjonijiet ta' Bord tal-Istudji.

(2) Fil-każ ta' Kors offrut minn żewġ Fakultajiet jew aktar, is-Senat jista' jaħtar, fuq rakkomandazzjoni konġunta tal-Fakultajiet konċernati, Bord tal-Istudji bejn il-Fakultajiet. Dan il-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul minn: (i) id-Dekan jew id-delegat tiegħu ta' kull Fakultà kkonċernata; (ii) għall-anqas żewġ membri akkademiċi oħra minn kull Fakultà; u (iii) żewġ studenti eletti minn fost l-istudenti rreġistrati fil-Kors. Wieħed mid-Dekani għandu jkun maħtur *chairman*. It-termini ta' referenza ta' dan il-Bord tal-Istudji huwa biex jiżgura koordinazzjoni aħjar tal-Programmi ta' Studju fejn it-Taqsimiet Studju huma offruti minn Fakultajiet differenti.

(3) Il-Fakultajiet jistgħu jipproponu bħala membri fuq il-Bordijiet tal-Istudji sa żewġ esperti fil-qasam ta' studju tal-Programm ikkonċernat.

(4) L-amministraturi mill-Fakultajiet konċernati kollha għandhom jattendu l-laqgħat tal-Bord tal-Istudji.

31. Il-funzjonijiet tal-Bordijiet tal-Istudji għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) it-twettiq tar-regolamenti u l-ordinamenti li jirregolaw il-Programm ta' Studju, suġġett għall-istruzzjonijiet ġenerali mogħtija mill-Bord ikkonċernat;

(b) l-osservazzjoni u l-valutazzjoni tal-Programm/i ta' Studju;

(ċ) it-tfassil ta' Programmi ta' Studju u jagħmel proposti lill-Bord għar-reviżjoni tagħhom kif meħtieġ minn żmien għal żmien; u

(d) l-osservazzjoni tal-valutazzjonijiet u tal-proċeduri użati fil-valutazzjoni tal-livell milħuq mill-istudenti.

Il-Kretti

32. Lil kull Taqsima Studju jingħatalha valur fi kretti li jkun jindika l-ħin totali ta' tagħlim, li jkun jinkludi l-ħin iddedikat għat-tagħlim fil-klassi, l-istudju fil-privat u l-valutazzjoni, jiġifieri l-ħin kollu li student medju jkun mistenni jgħaddi biex jilħaq il-miri ta' tagħlim marbutin mat-Taqsima Studju; krettu wieħed nominalment jirrappreżenta 25 siegħa ta' tagħlim li normalment minn 5 sa 7 siegħat minnhom jieħdu s-sura ta' tagħlim dirett meta f'Taqsima Studju t-tagħlim ikun ikkomunikat bil-metodu *standard* tal-lekċers.

33. It-Taqsimiet Studju li jiġu mgħallma u valutati f'semestru wieħed normalment għandhom jingħataw lhom mhux anqas minn 4 kretti (ħlief it-Taqsimiet Studju indikati bħala fakultattivi, li jistgħu jingħataw lhom 2 kretti) u mhux aktar minn 30 krettu.

34. L-istudenti li jgħaddu mill-valutazzjoni tat-Taqsima Studju għandhom jingħataw il-kretti. Student ma jistax jingħataw lu l-marka, l-grad u l-kretti għal taqsima partikolari aktar minn darba, ħlief meta l-istudent ikun meħtieġ li jsegwi Taqsima Studju obbligatorja li diġà jkun kiseb fi grad ieħor, skont ir-regolament 36.

35. It-Taqsimiet Studju li student ikun ħa krettu tagħhom normalment ma jistgħux jintużaw biex jinkiseb rikonoxximent jekk ikunu għaddew 7 snin minn mindu jkun ingħatalu l-krettu, sakemm li meta kretti għal aktar minn Taqsima Studju waħda jkunu trasferiti lejn Kors ieħor, is-seba' snin jibdew jgħoddu minn meta jkun ingħata l-aħħar krettu.

36. L-istess kretti ma jistgħux jgħoddu għal żewġ kwalifiki separati sakemm is-Senat ma jkunx iqis kwalifika minnhom bħala kwalifika *interim* fil-mixja normali lejn il-kwalifika l-oħra, ta' livell ogħla:

Sakemm li Bord ta' l-Istudji jista' jawtoriżża it-trasferiment ta' kretti li ngħataw għal Taqsima Studju f'programm ta' studju komplut jekk dik it-Taqsima Studju tkun obligatorja f'Kors sussegwenti, u f'dak il-każ il-marka u l-grad oriġinali jinżammu, iżda mhux aktar minn 30 krettu jistgħu jkunu hekk trasferiti lejn Kors li jwassal għal grad ta' Baċellerat jew Baċellerat bl-Unuri u mhux aktar minn 12-il-krettu jistgħu ikunu trasferiti lejn Kors li jwassal għal Diploma jew Diploma Għolja.

37. (1) Suġġett għar-regolamenti 35 u 36, l-istudenti li jiksbu kretti meta jkunu rreġistrati f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuti jista' jkollhom il-kretti aċċettati mill-Bord tal-Istudji biex ikunu trasferiti fi Programm ta' Studju speċifiku, iżda mhux fi Programm li jwassal għal Ċertifikat Universitarju:

Sakemm li f'kull rikonoxximent tal-Università, l-aħħar 60 krettu tal-Kors ikunu mogħtija mill-Università ta' Malta u, ħlief għal studenti li jieħdu sehem fi programmi ta' skambju barra minn Malta approvati mill-Università, il-klassifikazzjoni tar-rikonoxximent tinħadem biss bil-kretti li nkisbu mill-Università ta' Malta.

(2) Il-marka, il-grad u l-ekwivalenza tal-valur tal-kretti tat-taqsimiet li jkunu trasferiti għandhom ikunu kkalkulati mill-Uffiċċju tar-Reġistratur b'konsultazzjoni mal-Bord.

L-Attendenza

38. (1) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-ordinamenti ta' Kors, jew stipulat b'mod ċar fid-deskrizzjoni ta' Taqsima Studju kif ippubblikata fil-katalgu tat-Taqsimiet Studju, l-attendenza għall-lekċers, laqgħat tutorjali, *seminars*, sessjonijiet prattiċi jew kliniċi jew ħidma f'qasam tax-xogħol, *fieldwork* u kull sessjoni oħra ta' tagħlim ta' kull sura hija obbligatorja. Fuq il-bażi ta' evidenza dokumentata, lekċerer jista' ma jaċċettax li jevalwa student f'Taqsima Studju minħabba nuqqas ta' attendenza. F'kazijiet bħal dawn, tingħatalu u titniżżel marka 0 u grad F.

(2) L-Università ma tiskużax studenti li jitilfu lekċers jew xi attivitajiet ta' tagħlim oħra, u lanqas ma tittollera s-sottomissjoni ta' xogħol assenjat tard jew kwalunkwe nuqqasijiet fix-xogħol ta' matul il-Kors minħabba xogħol jew impenji mhux awtorizzati. L-ebda iskedar mill-ġdid tal-attivitajiet relatati mal-lekċers jew Valutazzjonijiet ma jkun approvati biex jiġu akkomodati dawn l-impenji.

(3) L-istudenti li jeħlu minn Taqsima Studju għax ma jkunux ikkwalifikaw biex joqogħdu għall-ewwel valutazzjoni minħabba f'li ma jkunux issodisfaw ir-rekwiżit tal-attendenza m'għandux jingħatalhom iċ-ċans ta' valutazzjoni riparatorja, ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi jekk eliġibbli. F'dawn il-każijiet, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jimponi fuq l-istudent rekwiżiti speċjali biex jagħmel tajjeb għas-sessjonijiet ta' tagħlim li jkun tilef.

Il-Valutazzjoni

(1) Il-Marki u l-Gradi

39. Fil-valutazzjoni tat-Taqsimiet Studju, l-eżaminaturi għandhom jesprimu l-prestazzjoni tal-istudent bħala marka perċentwali u bħala grad kif inhu muri fit-tabelli ta' hawn taħt. Kemm-il marka perċentwali kif ukoll il-grad f'għamla ta' ittra għandhom jitniżżlu fir-rekord akkademiku tal-istudent. Biex jitkejjel il-progress tal-istudent u għall-klassifika tar-rikonoxximent tintuża l-marka perċentwali biss.

Deskrizzjoni	Medda tal-Marki	Grad
Xogħol li juri kwalita eċċezzjonali Prestazzjoni eċċezzjonali li tixhed li l-istudent fehem is-suġġett b'mod komprensiv u kritiku, u għaraf japplikah. Xhieda ta' qari/riċerka/ xogħol addizzjonali estensiv.	90%-100%	A+
Xogħol li juri fehim komprensiv u kritiku Prestazzjoni mill-aqwa li tixhed li l-istudent fehem is-suġġett b'mod komprensiv u kritiku. Xhieda ta' qari/riċerka/ xogħol addizzjonali konsiderevoli.	80% - 89%	A
Xogħol li juri fehim komprensiv Prestazzjoni ikkaratterizzata minn għarfien tajjeb ħafna tas-suġġett. Xhieda ta' ammont moderat ta' qari/riċerka/xogħol addizzjonali.	75% - 79%	B+
Xogħol li juri fehim sostanzjali Prestazzjoni li tisboq il-medja, b'għarfien tas-suġġett. Xhieda ta' xi qari/riċerka/xogħol addizzjonali.	70% - 74%	B
Xogħol li juri fehim medju Prestazzjoni medja. Xhieda ta' ftit qari/riċerka/xogħol addizzjonali.	60% - 69%	C+
Xogħol li juri fehim sodisfaċenti Prestazzjoni adekwata. L-ebda xhieda ta' qari/riċerka/ xogħol addizzjonali.	55% - 59%	C
Xogħol li juri fehim sodisfaċenti b'xi nuqqasijiet Prestazzjoni adekwata imma inkonsistenti. L-ebda xhieda ta' qari/riċerka/ xogħol addizzjonali.	50% - 54%	D+
Xogħol li juri fehim bażiku Prestazzjoni marġinali, li jissodissfa kriterji minimi.	45% - 49%	D
Xogħol li juri fehim inadekwat sa livelli differenti	0% - 44%	F [1,2]

[1] Jekk il-marka miksuba hija bejn il-35% u l-44% fit-Taqsimiet Studju Kumpensabbli, u hija kkumpensata b'prestazzjoni tajba f'Taqsimiet Studju oħra, għandu jingħata Għadda b'Kumpens (CP) (ara regolament 48).

[2] Assenza bla permess għal valutazzjoni meta tkun meħtieġa raġuni valida għal assenza, jew nuqqas ta' preżentazzjoni fil-ħin tax-xogħol assenjat, inkella ineliġibilità għall-valutazzjoni minħabba assenza bla permess mil-lekċers. Meta titkejjel il-marka medja, din għandha titqies bħala marka 0 u grad F.

40. Meta jingħataw għat-Taqsimiet Studju l-gradi li ġejjin m'għandhomx jitqiesu għall-komputazzjoni, iżda xorta jagħmlu parti mir-rekord akkademiku tal-istudent:

Grad	Deskrizzjoni
P	Għadda - meta l-valutazzjoni tkun ibbażata fuq bażi ta' Għadda/Weħel biss. Dan ir-riżultat ma jiġiex ikkunsidrat biex tiġi kkalkulata l-marka medja finali mwieżna u l-klassifika tar-rikonoxximent.
I	Il-grad temporanju għal (a) meta d-data tal-valutazzjoni ġiet posposta jew id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tax-xogħol ġiet estiża; jew (b) meta l-assenza f'valutazzjoni tkun qed tiġi kkunsidrata mill-bord maħtur mis-Senat; jew(ċ) xogħol li qed jiġi kkunsidrat f'termini tal-proċeduri dixxiplinarji stipulati fir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università.

(2) Kif tiġi kkalkulata Marka Medja

41. Meta tiġi kkalkulata l-marka medja għal kull sena tal-Kors (li nirreferu għaliha bħala marka medja tas-sena), kull marka individwali miksuba f'kull taqsima reġistrata matul is-sena titwieżen bil-valur fi kretti tat-taqsima korrispondenti, il-marki li jirriżultaw jingħaddu flimkien u jiġu diviżi min-numru totali tal-kretti biex toħroġ il-marka medja tas-sena. Il-marka medja għandha titniżżel mirquma sal-ewwel numru deċimali.

42. (1) Il-marka medja finali mwieżna li għandha tintuża biex tikklassifika r-rikonoxximent għandha tiġi kkalkulata billi kull marka medja tas-Sena titwieżen bil-fattur korrispondenti għal dik is-sena kif ikun indikat fl-ordinamenti tal-Kors skont ir-regolament 82 u l-medja mbagħad titniżżel mirquma sal-eqreb numru sħiħ.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-grad ta' Bachelor in General Studies għandha tkun ibbażata fuq il-kretti kollha miksuba f'kull sena tal-Kors, bis-snin kollha jingħataw piż ugwali, irrispettivament mis-sena li fiha jkunu nkisbu.

Il-Metodi ta' Valutazzjoni

43. Il-metodu ta' valutazzjoni ta' kull Taqsima Studju għandu jkun indikat fid-deskrizzjoni tat-Taqsima Studju u ppubblikat fil-Katalogu tat-Taqsimiet Studju.

44. Meta l-metodu tal-valutazzjoni jinkludi aktar minn komponent tal-valutazzjoni wieħed, għandu jingħata l-piż perċentwali li kull komponent jikkontribwixxi. L-istudenti għandhom jingħataw il-kretti relatati mat-Taqsima Studju jekk jiksbu l-marka medja globali ta' 45% jew aktar fit-taqsima kollha:

Sakemm is-Senat jista', fil-każ ta' Taqsimiet Studju li jinkludu komponent prattiku, jaċċetta li biex student jingħata marka u grad li juru li għadda f'xi Taqsima Studju, l-istudent irid iġib marka ta' mill-anqas 45% f'xi kompnent tal-valutazzjoni u li, irrispettivament minn kull marka globali miġjuba fil-valutazzjoni tat-Taqsima

Studju, student li ma jirnexxilux igib dik il-marka minima f'dak il-komponent ikun meqjus li weħel bi grad F fil-valutazzjoni tat-Taqsima Studju u jkun meħtieg li jerġa' joqgħod għal valutazzjoni fl-opportunità li jmiss, sakemm ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti.

45. Jekk mhux f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tal-Bord, l-istudenti kollha ta' l-istess Taqsima Studju għandhom jiġu valutati bl-istess metodu/i ta' valutazzjoni. Il-valutazzjonijiet riparatorji normalment għandu jkollhom l-istess mod ta' valutazzjoni bħall-ewwel valutazzjoni korrispondenti.

46. (1) Il-valutazzjoni tista' ssir:

(a) **b'mod kontinwu**, jiġifieri b'sensiela ta' valutazzjonijiet, li jista' jkollhom is-sura ta' testijiet fil-klassi, xogħol assenjat li jsir id-dar, testijiet orali, xogħol/proġetti prattiċi, jew tiżwieqa ta' żewġ metodi minn dawn jew aktar, jew kull metodu ieħor ta' valutazzjoni kontinwa approvat mill-Bord u mifruxa matul it-Taqsima Studju; jew

(b) **b'mod finali**, jiġifieri b'valutazzjoni waħda fi tmiem it-Taqsima Studju; jew

(ċ) **b'mod kontinwu u finali**, jiġifieri parti permezz ta' sensiela ta' valutazzjonijiet mifruxa matul it-Taqsima Studju u parti permezz ta' valutazzjoni fi tmiem it-Taqsima Studju.

(2) Il-valutazzjonijiet tat-Taqsimiet Studju għandhom jitmexxew skont ir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università, 2009.

47. Kull xogħol li jkun ingħata bħala xogħol tal-Kors bl-iskop ta' valutazzjoni kontinwa għandu dejjem jiġi ppreżentat qabel id-data tal-eżami finali tat-Taqsima Studju. Meta Taqsima Studju tkun ivvalutata permezz ta' xogħol tal-kors biss, id-data għall-preżentazzjoni tax-xogħol m'għandhiex tkun miftiehma għal aktar tard mill-aħħar jum tas-sessjoni tal-eżamijiet ta' wara s-semestru li fih tkun saret it-Taqsima Studju.

48. (1) (a) L-istudenti li jeħlu b'marka ta' mhux anqas minn 35% f'xi valutazzjoni ta' Taqsima Studju f'xi sessjoni ta' valutazzjoni ta' wara s-semestru, ħlief għal Taqsima Studju obbligatorja li tkun iddikjarata bħala mhux kumpensabbli fi Programm ta' Studju, u li wara is-sessjoni tal-valutazzjoni ta' Ġunju jkollhom Marka Medja tas-Sena ta' mhux anqas minn 50% jingħatalhom il-grad CP (Għadda b'Kumpens) u jingħatalhom krettu għat-Taqsima Studju u ma jkunux mitluba jerġgħu jiġu valutati.

(b) Bl-istess mod, l-istudenti li jeħlu b'marka ta' mhux anqas minn 35% f'xi valutazzjoni ta' Taqsima Studju, ħlief għal Taqsima Studju obbligatorja li tkun iddikjarata bħala mhux kumpensabbli fi Programm ta' Studju, u li wara is-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru jkollhom Marka Medja tas-Sena ta' mhux anqas minn 50% jingħatalhom il-grad CP u jingħatalhom krettu għat-Taqsima Studju u ma jkunux mitluba jerġgħu jiġu valutati.

(2) L-ordinamenti jistgħu jistipulaw li f'Korsijiet li jinkludu żewġ oqsma ta' studju ewlenin, fit-Taqsimiet Studju li jkunu ddikjarati bħala kumpensabbli, l-istudenti jistgħu jgħaddu b'kumpens jekk iġibu marka ta' mhux anqas minn 35% f'dik it-Taqsima Studju u l-Marka Medja tagħhom fil-Programm ta' Studju għall-istess qasam għal dik is-sena tkun għall-anqas 50%. F'dawn il-każijiet, l-eliġibbilità għal riżultat li Għadda b'Kumpens m'għandhiex tkun ibbażata fuq il-Marka Medja tas-Sena kif provdut fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

(3) Student jista' biss jirrifjuta riżultat li għadda b'kumpens u jagħżel li jiġi evalwat mill-ġdid fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru meta l-marka li potenzjalment jista' jġib fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru tista' tagħmel differenza għall-marka medja meħtieġa għad-dħul fi Programm ta' Studju partikolari. F'dawn il-każijiet, l-istudent hu meħtieġ li jinforma lir-Reġistratur bl-intenzjoni tiegħu wara li r-riżultati kollha ta' dik is-sena jkunu ppubblikati iżda mhux aktar tard mis-16 ta' Awwissu qabel id-data tas-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru.

L-Opportunitajiet għal Valutazzjoni

49. (1) Ħlief għal valutazzjonijiet li huma ndikati li ma jsirux fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru u t-Taqsimiet Studju li huma valutati b'Dissertazzjoni, Komponiment Twil jew valutazzjoni simili, l-istudenti huma intitolati għal erba' opportunitajiet biex jirnexxilom iġibu grad ta' għadda fil-valutazzjoni ta' Taqsima Studju, jiġifieri:

(a) l-ewwel opportunità fis-sessjoni tal-valutazzjoni ta' wara s-semestru meta tkun skedata l-valutazzjoni;

(b) f'każ li l-istudenti ma jattendux għal valutazzjoni jew jeħlu fil-valutazzjoni fl-ewwel opportunità, ikunu intitolati li joqogħdu għal valutazzjoni fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru, it-tieni opportunità tagħhom;

(ċ) jekk l-istudenti għal kwalunkwe raġuni, ma jġibux grad ta' Għadda fl-ewwel jew fit-tieni opportunità u skont dawn ir-regolamenti jkunu ntitolati li jirreferu t-Taqsima Studju jew it-Taqsimiet Studju Mhux Kompluta/i għas-sena ta' wara tal-

Kors jew għal sena ta' studju estiża, jkunu intitolati għat-tielet opportunità li joqogħdu għal valutazzjoni, jiġifieri fis-sessjoni tal-valutazzjoni ta' wara s-semestru meta tkun skedata l-valutazzjoni li jmiss; u

(d) jekk l-istudenti, għal kwalunkwe raġuni, ma jġibux grad ta' Għadda fis-sessjoni tal-valutazzjoni ta' wara s-semestru, jiġifieri fit-tielet opportunità tagħhom, ikunu ntitolati għar-raba', normalment l-aħħar opportunità fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru:

Sakemm, f'kull każ, kull dritt għal opportunità oħra għal evalwazzjoni hu dejjem suġġett għal kundizzjoni li l-istudent ikun eliġibbli skont kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti.

(2) (a) Meta ma jkunx meqjus possibbli jew prattiku li tiġi skedata t-tieni opportunità għal valutazzjoni fl-istess sena akkademika, tali kondizzjoni għandha tkun iddikjarata fil-publikazzjoni tal-metodu tal-valutazzjoni tat-Taqsima Studju ikkonċernata u f'dan il-każ l-istudenti jkollhom żewġ opportunitajiet li joqogħdu għal dik il-valutazzjoni: l-ewwel opportunità fis-sena meta tkun skedata l-ewwel valutazzjoni u t-tieni opportunità, li normalment tkun l-Aħħar Opportunità għal Valutazzjoni, fis-sena akkademika li jmiss jekk l-istudenti jkunu eliġibbli li jirrefu t-Taqsima Studju għas-sena ta' wara.

(b) Jekk, sat-tmiem tas-sessjoni ta' valutazzjoni ta' wara s-semestru, student ma jkunx irnexxielu jġib marka globali biżżejjed għal grad Għadda f'Taqsima Studju li tkun tinkludi komponent tal-valutazzjoni li jkun indikat mhux disponibbli fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru, il-marka li l-istudent ikun ġab f'dak il-komponent tinżamm għal marka globali li tinħadem wara s-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru.

(3) Jekk student ma jġibx grad Għadda fil-valutazzjoni ta' Taqsima Studju fl-Aħħar Opportunità għal Valutazzjoni hu jkun meqjus li weħel definittivament f'dik it-Taqsima Studju.

(4) Fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru fi kwalunkwe sena akkademika, l-istudenti jkunu eliġibbli li jkunu vvalutati f'Taqsimiet Studju mhux kompluti, kemm jekk minħabba li jkunu weħlu u kemm jekk għax kienu assenti għal valutazzjoni, li għalihom ikun hemm assenjati mhux aktar minn 20 krettu.

50. Meta student, wara li jkun qagħad għal valutazzjoni tal-komponenti kollha ta' valutazzjoni ta' Taqsima Studju, jkun ġab grad Għadda f'dik it-Taqsima Studju ma jkollux dritt jerġa' jkun vvalutat f'ebda wieħed mill-komponenti ta' valutazzjoni ta' dik it-Taqsima Studju.

51. (1) Meta l-valutazzjoni ta' Taqsima Studju tkun tinkludi aktar minn komponent ta' valutazzjoni wieħed, l-istudenti ma jitħallewx jerġgħu joqogħdu għall-valutazzjoni ta' komponent li fih ikunu ġabu 45% tal-marka.

(2) Meta l-valutazzjoni ta' Taqsima Studju tkun tinkludi aktar minn komponent ta' valutazzjoni wieħed u l-istudent ikun assenti għal wieħed mill-komponenti, it-Taqsima Studju tkun immarkata Mhux Kompluta, il-marka globali ma tkunx assenjata u l-istudent ikun jista' joqgħod għall-valutazzjoni tal-komponent li ma jkunx qagħad għalih fl-opportunità li jmiss, jekk ikun eliġibbli, iżda student jista':

(a) sa mhux aktar tard minn sebat ijiem mill-pubblikazzjoni tar-riżultat globali tat-Taqsima Studju, jitlob li joqgħod għal valutazzjoni ta' kull komponent ieħor li fih ma jkunx ġab 45%. F'dan il-każ l-istudent ikun meqjus li weħel bi grad F fit-Taqsima Studju u jkun jista' joqgħod għal Valutazzjoni Riparatorja tal-komponent li għalih kien assenti u komponenti oħra fejn ikun ġab anqas minn 45%, fl-opportunità li jmiss, jekk ikun eliġibbli; jew

(b) sakemm ma jkunx meħtieġ li student iġieb mill-anqas 45% tal-marka f'dak il-komponent ta' valutazzjoni li jkun falla għalih, jagħżel li ma joqogħdx għal valutazzjoni ta' dak il-komponent u mhux aktar tard minn sebat ijiem mill-pubblikazzjoni tar-riżultat globali tat-Taqsima Studju, jitlob li l-marka globali tat-Taqsima Studju tkun maħduma fuq il-komponenti kollha, inkluż 0 marki għal komponent li għalih kien assenti.

L-Assenza għall-Eżamijiet bil-Miktub taħt Superviżżjoni

52. (1) L-istudenti huma fid-dmir li joqogħdu għall-eżamijiet fl-ewwel opportunità meta l-eżami jkun skedat u m'għandhomx ifallu milli jattendu għall-eżami ħlief għal raġuni valida. Mhux meħtieġ li l-istudenti jippreżentaw evidenza biex jiġġustifikaw l-assenza minn xi eżami fl-ewwel tlett opportunitajiet li joqogħdu għalihom, ħlief fil-każ ta' eżami sinottiku li għalih għandha dejjem tkun ippreżentata evidenza ta' raġuni valida li tiġġustifika l-assenza.

(2) Meta, fi kwalunkwe waħda mill-ewwel tlett opportunitajiet, student ikun assenti minn eżami meta ma kienx hemm il-ħtieġa li jippreżenta evidenza biex jiġġustifika l-assenza, jew fil-każ ta' eżami sinottiku, fejn raġuni valida għall-assenza hija meħtieġa, hu jkun jista' joqgħod għall-eżami fl-opportunità li jmiss taħt l-istess kondizzjonijiet, jekk hux eżami riparatorju jew eżami fl-ewwel attentat, bħalma kien intitolat li jagħmel l-eżami fis-sessjoni meta kien assenti, dejjem sakemm l-istudent ikun eliġibbli skont kull dispożizzjoni oħra ta' dawn jew ta' regolamenti jew ordinamenti oħra.

(3) Meta student ikun assenti għall-eżami fl-Aħħar Opportunità tal-Valutazzjoni tiegħu, hu jkun meħtieġ li jippreżenta evidenza ta' raġuni valida li tiġġustifika l-assenza tiegħu fiż-żmien stipulat u ma jkunx intitolat għal aktar opportunitajiet li joqgħod għall-eżami sakemm is-Senat, li jaġixxi fuq il-parir tal-bord imwaqqaf għal dak il-għan kif provdut bir-regolament 55, iqis li l-assenza kienet għal raġuni valida u kawża lil hinn mill-volontà tiegħu.

L-Assenza għal Valutazzjoni Mhux bil-Miktub

53. (1) Fil-każ ta' valutazzjonijiet mhux bil-miktub, bħal orali, prattiċi jew kliniċi, meta l-istudenti jkunu eżaminati individwalment f'dati u ħinijiet differenti, l-eżaminaturi jistgħu, fid-diskrezzjoni assoluta tagħhom biss, jew jeħtieġu lill-istudent li kien assenti għal raġuni li huma jaċċettaw bħala valida li jipprezenta ruħu biex ikun eżaminat f'data oħra waqt l-istess Sessjoni ta' Valutazzjoni, kif indikat mill-Bord tal-Eżaminaturi, u din ma tkunx meqjusa bħala opportunità oħra, jew inkella jħallu lill-istudent jkun eżaminat fl-opportunità li jkun imiss, dejjem sakemm ikun eliġibbli skont kull dispożizzjoni oħra ta' dawn jew ta' regolamenti jew ordinamenti oħra.

(2) Meta student ma jagħtix raġuni biex jiġġustifika l-assenza tiegħu, jew jekk l-eżaminaturi jqisu li r-raġuni mogħtija ma tiġġustifikax l-assenza, jew l-evidenza miġjuba m'hiex suffiċjenti, l-istudent ikun meqjus li weħel mill-evalwazzjoni b'marka 0, grad F, iżda l-istudent jista' jappella mid-deċiżjoni billi jikteb lid-Dekan, jew fil-kaz li d-Dekan ikun wieħed mill-eżaminaturi, jikteb lill-Pro-Rettur għal Affarijiet Akkademiċi fi żmien tlett ġranet ta' xogħol minn mindu jkun informat li r-raġuni li jkun ippreżenta ma kinitx aċċettata.

In-Nuqqas ta' Sottomissjoni ta' Xogħol għad-Dar

54. (1) Minn barra fil-każ ta' Komponimenti Twal, Dissertazzjonijiet u valutazzjonijiet simili fl-aħħar tal-Kors, jekk l-eżaminaturi jqisu valida ir-raġuni li student ikun ressaq biex jiġġustifika għaliex ma jkunx issottometta xi xogħol għad-dar sad-data tal-iskadenza mogħtija, l-eżaminaturi jistgħu, jew:

(a) jikkonċedu estensjoni tal-iskadenza sa massimu ta' tlett gimgħat, liema estensjoni ma tkunx meqjusa bħala opportunità oħra, jew

(b) jekk l-estenzjoni ta' tlett gimgħat ma tkunx biżżejjed għaċ-ċirkostanzi tiegħu, jħallu lill-istudent jissottometti x-xogħol fl-opportunità li jmiss taħt l-istess kondizzjonijiet, jekk hux valutazzjoni riparatorja jew valutazzjoni fl-ewwel attentat, bħal ma kien intitolat fis-sessjoni meta kien assenti, dejjem sakemm l-istudent ikun eliġibbli skont kull dispożizzjoni oħra ta' dawn jew ta' regolamenti jew ordinamenti oħra.

(2) Meta student ma jagħtix raġuni biex jiġġustifika nuqqas ta' sottomissjoni ta' xogħol sad-data tal-iskadenza, jew jekk ir-raġuni li jagħti ma tkunx aċċettata bħala valida jew suffiċjenti, l-istudent ikun meqjus li weħel mill-evalwazzjoni b'marka 0, grad F, iżda l-istudent jista' jappella mid-deċiżjoni billi jikteb lid-Dekan, jew fil-kaz li d-Dekan ikun wieħed mill-eżaminaturi, jikteb lill-Pro-Rettur għall-Affarijiet Akkademiċi fi żmien tlett ġranet ta' xogħol minn mindu jkun informat li r-raġuni li jkun ippreżenta ma kinitx aċċettata.

L-Assenza fl-Aħħar Opportunità għal Valutazzjoni

55. Ir-raġunijiet ippreżentati mill-istudenti biex jiġġustifikaw assenza fl-Aħħar Opportunità għal Valutazzjoni, inklużi raġunijiet ta' natura medika koperti minn rapporti mediċi, għandhom ikunu ikkunsidrati minn bord maħtur apposta mis-Senat bil-ħsieb li jkun determinat jekk l-assenza kienitx ġġustifikata. F'każijiet bħal dawn, il-bord wara li jinvestiga aktar ir-raguni għall-assenza, għandu jagħti parir lis-Senat dwar azzjoni xierqa li għanda ttitieħed, li tista' tinkludi:

(a) jekk ir-raġuni għall-assenza tkun meqjusa valida, l-istudent jitħalla jogħqod għall-valutazzjoni fis-Sessjoni ta' Valutazzjoni meta jkun imiss li terġa' tkun skedata, taħt l-istess kundizzjonijiet, l-ewwel attentat jew ripartorju; jew

(b) jekk ir-raġuni għall-assenza ma tkunx meqjusa ġġustifikata jew jekk l-evidenza ippreżentata ma tkunx konsiderata suffiċjenti, l-istudent ikun iddikjarat li weħel definittivament fil-valutazzjoni li għaliha kien assenti; jew

(ċ) kull azzjoni oħra li l-bord iqis neċessarja jew adattata.

Il-Komponiment Twil u d-Dissertazzjoni

56. (1) Meta l-metodu ta' evalwazzjoni ikun permez ta' Komponiment Twil jew Dissertazzjoni jew valutazzjoni simili fl-aħħar tal-Kors, l-iskadenza għas-sottomissjoni tax-xogħol tkun stabbilità mill-Bord tal-Istudji.

(2) Meta l-Bord jikkunsidra talbiet għal estensjoni tad-data tal-iskadenza, liema talbiet għandhom dejjem ikunu ippreżentati flimkien mar-raġuni għan-nuqqas ta' sottomissjoni sad-data tal-iskadenza mogħtija, il-Bord għandu jkun iggwidat minn proċeduri approvati mis-Senat. Il-bord tal-eżaminaturi għandu jikkunsidra l-perijodu ta' estensjoni mogħti u jista' jiddeċidi li jitnaqqsu l-marki. Jekk l-estensjoni mogħtija tmur lil hinn mit-tmiem tas-sena akkademika, l-istudent ikun meqjus li kien mogħti sena ta' studju estiża.

(3) Is-sottomissjoni ta' Dissertazzjoni jew Komponiment Twil fi żmien tlett gimgħat mid-data ta' skadenza, jew mid-data ta' skadenza estiża meta din tkun ġiet konċessa, mingħajr il-permess speċifiku tal-bord tal-eżaminaturi, tista tkun aċċettata, iżda dan għandu jikkawża tnaqqis ta' marki kif ikun deċiż mill-bord tal-eżaminaturi.

(4) Meta Dissertazzjoni jew Komponent Twil ma jkunux sottomessi sad-data ta' skadenza, jew id-data ta' skadenza estiża meta din ġiet mogħtija għanda tingħata l-marka 0, grad F.

(5) Meta l-istudenti jeħlu mill-valutazzjoni ta' Dissertazzjoni jew Kompiniment Twil, huma jkollhom opportunità oħra waħda biss biex jerġgħu jissottomettu d-Dissertazzjoni jew il-Komponiment Twil għal evalwazzjoni.

(6) Is-superviżjoni u l-valutazzjoni tad-Dissertazzjonijiet meħtieġa għal grad ta' Baċerllat għandhom isiru skont ir-regolamenti 73 sa 76.

Il-Valutazzjonijiet Riparatorji

57. F'kull valutazzjoni riparatorja ta' Taqsima Studju, inkluż meta student jerġa' jiġi vvalutat mill-ġdid f'xi komponent ta' valutazzjoni ta' Taqsima Studju, l-ogħla marka globali u grad li jistgħu jingħataw għat-Taqsima Studju għandhom ikunu marka 45%, grad D.

58. Il-valutazzjonijiet riparatorji għandhom jitmexxew hekk:

(a) għal valutazzjoni kontinwa: b'arranġament mal-lekċerer konċernat, basta l-valutazzjoni mill-ġdid tintemm qabel it-tmiem tas-sessjoni għall-valutazzjonijiet riparatorji; u

(b) għall-valutazzjoni bl-eżami: f'sessjoni riparatorja tal-eżamijiet, li ssir f'Settembru.

Il-Progress

59. L-istudenti għandhom jirreġistraw bħala studenti regolari fis-sena tal-Kors li jkun imiss meta jkunu kisbu s-60 krettu assenjati lit-Taqsimiet Studju fis-sena kurrenti tagħhom skont kif ikun indikat fil-Pjan ta' Kors u fil-Programm/i ta' Studju.

60. L-istudenti li wara s-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru jkunu jeħtieġu mhux aktar minn 12-il krettu biex itemmu l-Pjan ta' Kors tas-sena b'suċċess, kulmeta jkun possibbli u wara li jieħdu parir akkademiku, għandha tingħatalhom l-għażla mill-Bord li:

(a) jirriferu t-Taqsimiet Studju Mhux Kompluti biex jagħmluhom fis-sena ta' wara tal-Pjan tal-Kors tagħhom, b'żieda mat-Taqsimiet Studju indikati għal dik is-sena; jew

(b) jirriferu t-Taqsimiet Studju Mhux Kompluti għal sena ta' studju estiża, jekk ikunu fl-aħħar sena tal-Kors; jew

(ċ) jirrepetu s-sena kollha kemm hi, jekk ikunu eliġibbli biex jagħmlu dan skont dawn ir-regolamenti.

61. (1) L-istudenti msemmija fir-regolament 60 li jagħżlu li jirreferu t-Taqsimiet Studju Mhux Kompluti għas-sena ta' wara tal-Pjan ta' Kors tagħhom għandhom jitqiesu li jkunu mxew 'il quddiem b'kundizzjoni u m'għandhomx jitħallew ikomplu l-Kors jekk, sas-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru ta' dik is-sena, jerġa' ma jkunx irnexxilhomx jiksbu l-kretti meħtieġa f'xi waħda mit-Taqsimiet Studju riferuti.

(2) Fl-ebda ċirkostanza m'għandu student jitħalla jkompli mis-sena kurrenti għas-sena li jmiss jekk ir-rekwiżiti tas-sena ta' qabel dik kurrenti ma jkunux ġew sodisfatti.

62. Fil-każ ta' Taqsimiet Studju mhux obbligatorji li jkunu ġew riferuti, il-Bord, wara li jikkonsulta mal-kap tad-dipartiment u/jew mal-Bord tal-Istudji, jista' jħalli lill-istudenti jirreġistraw għal Taqsimiet Studju oħrajn minflokhom li jkunu jaqgħu fl-ambitu tal-Programm ta' Studju tal-istudenti.

63. Taqsima Studju li tkun ġiet aċċettata minflok Taqsima Studju riferuta għandha, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, tkun ikkunsidrata bħala Taqsima Studju riferuta u d-dispożizzjonijiet tar-regolament 61 għandhom japplikaw.

64. L-ogħla marka/grad li jistgħu jingħataw għal Taqsima Studju riferuta, inklużi t-Taqsimiet Studju li jiġu aċċettati minflok Taqsimiet Studju riferuti, huma marka 45%, grad D, u dan kemm jekk il-valutazzjoni ssir f'sessjoni ta' wara xi semestru kif ukoll jekk issir fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru.

It-Tibdil ta' Qasam ta' Studju

65. Student li jkun irreġistrat għal grad b'aktar minn Qasam ta' Studju wieħed jista' jagħmel talba biex jibdel wieħed mill-Oqsma ta' Studju li jkun irreġistrat għalihom. F'każi bħal dawn, il-Bord jista' juża d-diskrezzjoni tiegħu biex iħalli lill-istudent jibdel taħt il-kondizzjonijiet li jista' jimponi, fosthom il-kundizzjoni ta' sena

ta’ studju addizzjonali li, jekk tingħata, ma tkunx meqjusa bħala sena ta’ studju estiża.

Sena ta’ Studju Estiża, Sena ta’ Ripetizzjoni jew Teminazzjoni ta’ Kors

66. (1) L-istudenti li, sa tmiem is-Sessjoni ta’ Valutazzjoni ta’ Ġunju ta’ xi sena partikolari tal-Pjan tal-Kors tagħhom, kemm jekk minħabba li jkunu weħlu jew minħabba assenza għal valutazzjoni, ikun jonqoshom mhux aktar minn 20 mill-kretti meħtieġa għal dik is-sena, inklużi l-kretti għal Taqsimiet Studju riferuti, ikunu eliġibbli li jiġu valutati fit-Taqsimiet Studju Mhux Kompluti fis-Sessjoni ta’ valutazzjoni ta’ Settembru.

(2) L-istudenti li, sa tmiem is-Sessjoni ta’ Valutazzjoni ta’ Ġunju ta’ xi sena partikolari tal-Pjan tal-Kors tagħhom, kemm jekk minħabba li jkunu weħlu jew minħabba assenza għal valutazzjoni, ikun jonqoshom aktar minn 20 mill-kretti meħtieġa għal dik is-sena, li jinkludu kretti għal xi taqsimiet riferuti, jkunu eliġibbli li fis-sessjoni ta’ valutazzjoni ta’ Settembru jkunu vvalutati fit-Taqsimiet Studju riferuti biss iżda ma jitħallewx joqogħdu għal valutazzjoni ta’ xi waħda mit-Taqsimiet Studju li jkunu weħlu fiha mill-programm tas-sena kurrenti tagħhom. Jekk wara s-sessjoni ta’ valutazzjoni ta’ Settembru jkunu għaddew mit-taqsimiet riferuti u jekk ikunu jikkwalifikaw skont dawn ir-regolamenti, dawn l-istudenti wara li jieħdu parir akkademiku għandha tingħatalhom mill-Bord l-għażla li:

(a) jagħmlu t-Taqsimiet Studju Mhux Kompluti f’sena ta’ studju estiża; jew

(b) jirrepetu s-sena kollha kemm hi, inkluż it-Taqsimiet Studju li jkunu għaddew minnhom fis-sena ta’ studju li jkunu weħlu fiha.

(3) Jekk fis-sessjoni ta’ valutazzjoni ta’ Settembru student ma jirnexxilux jikseb grad li Għadda f’xi waħda mit-Taqsimiet Studju riferuti, jew ma jkunx eliġibbli għal sena ta’ studju estiża jew li jirrepeti s-sena, hu jkollu jirtira mill-Kors.

67. (1) L-istudenti li, wara s-sessjoni ta’ valutazzjoni ta’ Settembru, kemm jekk minħabba li jkunu weħlu jew minħabba assenza għal valutazzjoni, xorta jkun jonqoshom aktar minn 12-il krettu biex jissodisfaw dak li hu mitlub fil-Pjan tal-Kors tagħhom għal dik is-sena partikolari jekk ikunu eliġibbli skont dawn ir-regolamenti li wara parir akkademiku għandha tingħatalhom mill-Bord l-għażla li jew:

(a) jirreferu t-Taqsimiet Studju Mhux Kompluti għal sena ta’ studju estiża; jew

(b) jirrepetu s-sena kollha kemm hi, inkluż it-Taqsimiet Studju li jkunu għaddew minnhom fis-sena ta’ studju li jkunu weħlu fiha.

(2) Jekk student ma jkunx eliġibbli għal sena ta' studju estiża jew li jirrepeti s-sena, hu jkollu jirtira mill-Kors.

68. (1) Waqt sena ta' studju estiża:

(a) l-istudenti ma jitħallewx jerġgħu joqogħdu għal valutazzjoni ta' Taqsimiet Studju li jkunu diġà għaddew minnhom;

(b) il-valutazzjoni tat-Taqsimiet Studju riferuti jkunu skont id-deskrizzjoni tat-Taqsima Studju u jsiru bil-metodu ta' valutazzjoni kurrenti fis-sena ta' studju estiża; u

(ċ) l-istudenti m'humiex obbligati li jattendu l-lekċers, u xorta jkollhom l-opportunità li jkunu valutati meta Taqsima Studju riferuta ma tkunx offruta waqt is-sena ta' studju estiża, iżda:

(i) Taqsima Studju tista' tkun evalwata b'metodu alternattiv jekk ma jkunx possibbli jew prattikabbli li jintuża l-metodu ta' evalwazzjoni oriġinali; u

(ii) l-istudenti jkunu obbligati li jattendu l-lekċers, meta jkunu weħlu mit-Taqsima Studju minħabba li ma jkunux irrispettaw ir-rekwiżit tal-attendenza ta' dik it-Taqsima Studju; jekk tali Taqsima Studju ma tkunx offruta f'dik is-sena ta' studju estiża għandu jidħol fis-seħħ il-provvediment tar-regolament 38 (3).

(2) Jekk wara li student ikun spiċċa b'suċċess is-sena ta' studju estiża, l-Programm ta' Studju tas-sena suċċessiva fil-Pjan tal-Kors tagħhom ma jkunx offrut, l-Università ma tkunx obbligata li tipprovdi dak il-Programm għal dak l-istudent, u hu jkollu jew jissospendi l-istudji tiegħu sas-sena meta l-programm ikun imissu jerġa jkun offrut, jew jittrasferixxi l-istudji tiegħu għal Kors ieħor jekk dan ikun possibbli, jew jirtira mill-Kors u jirċievi r-rikonoxximent li jista' jkun eliġibbli għalih.

(3) L-istudenti jistgħu jitħallew jestendu darba waħda biss kull sena tal-Kors, iżda jekk jużaw sena ta' studju estiża wara aktar minn sena waħda tal-Kors il-klassifikazzjoni tar-rikonoxximent tkun mnaqqsa skont kif provdut fir-regolament 83 (5).

69. (1) L-istudenti jistgħu jitħallew jirrepetu sena ta' Kors darba biss u ma jitħallewx jirrepetu sena oħra fl-istess Kors, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali u bl-approvazzjoni tas-Senat.

(2) Jekk student ma jirnexxilux jgħaddi mit-Taqsimiet Studju kollha f'sena ta' studju estiża, hu ma jkollux id-dritt li jirrepeti dik is-sena.

70. (1) L-istudenti li ma jkunux jikkwalifikaw biex jitilgħu fis-sena li jmiss tal-Kors u jitħallew jirrepetu s-sena kollha li weħlu fiha għandhom ikunu meħtieġa jsegwu l-Programm/i ta' Studju li jkun/u għaddej/jien fis-sena akkademika li matulha jkunu qed jirrepetu, inklużi xi Taqsimiet Studju li l-istudenti jistgħu jkunu għaddew minnhom fis-sena li kienu weħlu fiha.

(2) Fl-ewwel valutazzjoni ta' sena li qed tkun ripetuta jista' jinkiseb kwalunkwe grad; f'valutazzjoni riparatorja, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa grad D. Il-kretti miksuba f'din is-sena jkunu jgħoddu għall-klassifikazzjoni finali tal-grad.

71. Ir-riżultati miksuba matul is-sena li l-istudent ikun weħel fiha ma għandhomx jitqiesu għall-għoti tal-grad u m'għandhomx jitniżżlu fir-rekord akkademiku tal-istudent:

sakemm li, fid-diskrezzjoni tal-Bord, l-istudenti reġistrati għal grad li jkun fih aktar minn Qasam ta' Studju wieħed u li l-marka medja tas-sena globali tkun ta' mill-anqas 50%, jistgħu jitħallew iżommu l-kretti miksuba f'Qasam ta' Studju li jkunu temmew b'suċċess. F'dawn il-każijiet, il-Bord jista' jew iħalli lill-istudent jirreġistra *part-time* u jsegwi biss it-taqsimiet studju tal-Qasam ta' Studju li jkun weħel minnu, jew, sakemm ikunu jippermettu r-restrizzjonijiet tal-orarju, iħalli lill-istudent jirreġistra wkoll għal xi Taqsimiet Studju ta' livell ogħla fil-qasam/oqsma l-ieħor/l-oħra.

72. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 34, fejn applikabbli, l-Ordinamenti ta' Kors jistgħu jipprovdu li sena ta' studju mitmuma b'suċċess f'qasam ta' studju, kemm jekk fuq bażi *full-time* jew fuq bażi *part-time*, tista' terġa' tiġi segwita kollha mill-ġdid f'sena addizzjonali biex tagħti lill-istudenti opportunità oħra biex jiksbu r-rekwiżiti minimi meħtieġa għal progressjoni fi ħdan dak il-programm.

(2) Meta student jitħalla jerġa' jsegwi qasam ta' studju komplut b'suċċess skont kif provdut fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, huma biss ir-riżultati li hu jikseb fis-sena addizzjonali li għandhom ikunu meqjusa għall-progressjoni fil-Programm u għall-għoti tal-grad u r-riżultati oriġinali m'għandhomx jiġu nklużi fir-rekord akkademiku tal-istudent.

(3) L-istudenti jistgħu jsegwu sena addizzjonali skont it-termini tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament darba biss f'Kors ta' studju. Din is-sena addizzjonali m'għandhiex titqies bħala sena ta' ripetizzjoni jew sena estiża u m'għandhiex tgħodd għall-finijiet tar-regolamenti 68 (3) u 69.

Is-Superviżjoni tad-Dissertazzjonijiet

73. (1) Fil-każ ta' Taqsima Studju ta' Dissertazzjoni, il-Bord għandu jaħtar superviżur għal kull student; iżda jekk ikun meħtieġ jista' jinħatar ukoll ko-superviżur.

(2) Superviżur ma għandux ikun jiġi mill-istudent b'konsangwinità jew b'affinità sat-tielet grad inkluż jew ikollu xi forma ta' relazzjoni oħra mal-istudent, kif definit fid-dokument: *Consanguinity / Affinity / Dual Relationship Policy in relation to Examiners/Supervisors and Students* approvat mis-Senat.

(3) Is-superviżur, jew it-tim ta' superviżjoni meta jkun maħtur ko-superviżur, ikun/u responsabbli biex jipprovdu gwida lill-istudenti tagħhom f'dawn l-oqsma:

(a) jgħinu lill-istudenti biex jagħżlu u jiżviluppaw problema ta' riċerka u jifformulaw proposta bil-miktub għad-Dissertazzjoni tagħhom;

(b) joffru ideat u jipprovdu gwida u inkoraġġiment dwar l-ippjanar u l-progress tar-riċerka, is-sottomissjoni tad-Dissertazzjoni, u l-pubblikazzjoni tar-riżultati;

(ċ) jipprovdu jew jagħmlu arranġamenti għall-istruzzjoni fil-metodoloġija tar-riċerka, inkluża l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni;

(d) jiggwidaw lill-istudenti biex jiksbu u jtejbu l-kapaċitajiet ġeneriċi xierqa, inklużi l-komunikazzjoni bil-miktub u orali, il-kultura bażika matematika, il-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet, u l-kapaċitajiet organizzattivi u tat-tmexxija;

(e) jiżguraw li l-istudenti jkunu infurmati dwar il-mod kif ir-riżultati tar-riċerka għandhom jiġu rrappurtati u li huma jifhmu l-implikazzjonijiet ta' plaġjariżmu u prattiċi akkademiċi mhux aċċettabbli oħra;

(f) jagħtu parir lill-istudenti dwar l-użu ta' *software* li jiddentifika l-plaġjariżmu li huwa approvat mill-Università; u

(g) dwar materji oħra li jeħtieġu l-attenzjoni tal-Bord jew tas-Senat.

(4) Is-superviżuri għandhom jiltaqgħu regolarment mal-istudenti biex jirrevedu l-progress. Il-laqgħat jistgħu jkunu sostitwiti b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

(5) Is-superviżuri mhumiex responsabbli għall-qari tal-provi tad-Dissertazzjonijiet. Lanqas ma hi r-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw li d-Dissertazzjonijiet m'għandhomx xi partijiet plaġjarizzati.

(6) Jekk superviżur isib plaġjariżmu fl-abbozzi jew fil-verżjoni finali ta' Dissertazzjoni qabel is-sottomissjoni formali, is-superviżur għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu skont il-gravità tar-reat dwar jekk għandux iwiddeb lill-istudent u jitolbu jieħu azzjoni korrettiva jew jekk għandux jirrapporta l-każ lill-Bord tad-Dixxiplina tal-Valutazzjoni.

Il-Bordijiet tal-Eżaminaturi għad-Disertazzjonijiet

74. (1) Id-Dissertazzjonijiet sottomessi għal grad ta' Baċellerat għandhom ikunu valutati minn Bord tal-Eżaminaturi, maħtur mis-Senat għal dan il-għan, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li normalment ikun magħmul għall-anqas minn tliet membri.

(2) Il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jsegwi l-proċeduri għall-valutazzjoni tad-Dissertazzjonijiet għall-gradi ta' Baċellerat, kif approvat mis-Senat.

Il-Valutazzjoni tad-Disertazzjonijiet

75. Għal Dissertazzjonijiet ippreżentati għall-grad ta' Baċellerat:

(a) eżami orali għandu jsir jekk dan ikun indikat fil-metodu ta' valutazzjoni tat-Taqsima Studju tad-Dissertazzjoni; jista' jsir eżami orali ieħor fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi f'każijiet fejn id-Dissertazzjoni tiġi ppreżentata mill-ġdid wara tibdiliet sostanzjali jew fejn id-Dissertazzjoni tiġi ppreżentata mill-ġdid wara li tkun ingħatat marka ta' weħel; u

(b) jekk eżami orali ma jkunx indikat fil-metodu ta' valutazzjoni tat-Taqsima Studju tad-Dissertazzjoni, dan jista' jsir f'każijiet ta' Dissertazzjoni ta' kwalità *borderline* li xxaqleb lejn marka baxxa li twaħħal lil dak li jkun, f'każijiet fejn id-Dissertazzjoni tiġi ppreżentata mill-ġdid wara li tkun ingħatat marka ta' weħel, jew f'każijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil fost il-Bord tal-Eżaminaturi.

76. (1) Fejn eżami orali jkun indikat fil-metodu tal-valutazzjoni skont ir-regolament 75 (a), wara li jaqraw u jimmarkaw id-Dissertazzjoni, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jsejjaħ lill-istudent għall-eżami orali u għandu jew:

(a) japprova d-Dissertazzjoni mingħajr kondizzjonijiet jew suġġett għal xi tibdiliet żgħar li għandhom jiġu ppreżentati fi żmien stabbilit mill-Bord tal-Eżaminaturi u għas-sodisfazzjon taċ-*chairman* tal-Bord tal-Eżaminaturi b'konsultazzjoni mas-superviżur. Jekk it-tibdiliet ma jsirux kif suppost, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jagħti marka u grad għall-verżjoni originali; jew

(b) fil-każ ta' Dissertazzjoni ta' kwalità *borderline* li xxaqleb lejn marka baxxa li twaħħal lil dak li jkun, jagħti parir biex isiru tibdiliet sostanzjali fid-Dissertazzjoni li għandhom jiġu ppreżentati fiż-żmien stabbilit mill-Bord tal-Eżaminaturi u għas-sodisfazzjon taċ-*chairman* tal-Bord tal-Eżaminaturi b'konsultazzjoni mas-superviżur, biex tikkwalifika għal marka u grad minimu biex wieħed jgħaddi (jiġifieri 45%, grad D). Jekk it-tibdiliet ma jsirux kif suppost, l-istudent għandu jiġi ddikjarat li weħel mid-Dissertazzjoni u jingħata l-possibilità li jissottomettiha mill-ġdid jekk ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) f'każijiet fejn id-Dissertazzjoni hija ta' livell baxx, jiddikjara li l-istudent weħel u jingħata l-possibilità li jissottomettiha għal valtazzjoni mill-ġdid jekk ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti.

(2) Fejn l-eżami orali ma jkunx indikat fil-metodu tal-valutazzjoni skont ir-regolament 75 (b), wara li jaqraw u jimmarkaw d-Dissertazzjoni, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jew:

(a) japprova d-Dissertazzjoni mingħajr kondizzjonijiet jew suġġett għal xi tibdiliet żgħar li għandhom jiġu ppreżentati fi żmien stabbilit mill-Bord tal-Eżaminaturi u għas-sodisfazzjon taċ-*chairman* tal-Bord tal-Eżaminaturi b'konsultazzjoni mas-superviżur. Jekk it-tibdiliet ma jsirux kif suppost, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jagħti marka u grad fuq il-verżjoni originali; jew

(b) fil-każ ta' dissertazzjonjiet ta' kwalità *borderline* li xxaqleb lejn marka baxxa li twaħħal lil dak li jkun, il-Bord tal-Eżaminaturi jista':

jew (i) jirreferi lura d-Dissertazzjoni lill-istudent biex isiru tibdiliet sostanzjali li għandhom jiġu ppreżentati fiż-żmien stabbilit mill-Bord tal- Eżaminaturi, u għas-sodisfazzjon taċ-*chairman* tal-Bord tal-Eżaminaturi b'konsultazzjoni mas-superviżur, biex tikkwalifika għal marka u grad minimu biex wieħed jgħaddi (jiġifieri 45%, grad D). Jekk it-tibdiliet ma jsirux kif suppost, l- istudent għandu jiġi ddikjarat li weħel mid-Dissertazzjoni u jingħata l-possibilità li jissottomettiha mill-ġdid jekk ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti;

jew (ii) isejjaħ lill-istudent għal eżami orali qabel ma jiddeċiedi jekk id-Dissertazzjoni għandhiex tiġi riferuta lura lill-istudent biex isiru tibdliet sostanzjali jew jekk għandhux jiddikjara li l-istudent weħel u jingħata l-possibilità li jissottomettiha mill-ġdid jekk ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) f'każijiet fejn id-Dissertazzjonijiet huma ta' livell baxx, jiddikjara li l-istudent weħel u jingħata l-possibilità li jissottomettiha mill-ġdid jekk ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti.

(3) Meta Bord tal-Eżaminaturi ma jilħaqx ftehim dwar il-marka u l-grad finali huma għandhom isegwu ir- Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università, 2009.

(4) Bord tal-Eżaminaturi m'għandhux jippermetti perijodi itwal minn tlett xhur għal reviżjonjiet sostanzjali fil-każ ta' Dissertazzjonijiet ta' kwalità *borderline* li jxaqilbu lejn marka baxxa li twaħħal lil dak li jkun, u mhux itwal minn sitt xhur meta d-Dissertazzjoni tiġi ppreżentata mill-ġdid wara li tkun ingħatat marka ta' weħel, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet validi li għandhom jiġu mniżżla fir-rapport tal-Bord tal-Eżaminaturi.

(5) Reviżjonijiet sostanzjali fil-każ ta' Dissertazzjonijiet ta' kwalità *borderline* li jxaqilbu lejn marka baxxa li twaħħal lil dak li jkun, kif meħtieġ mill-Bord tal-Eżaminaturi, jistgħu jiġu ppreżentati darba biss.

Il-Kopji tad-Dissertazzjoni

77. Qabel ma jiggradwaw, u fejn applikabbli, l-istudenti għandhom jippreżentaw żewġ kopji tad-Dissertazzjoni llegati b'qoxra iebsa lill-Fakultà, li għandhom tinkludu dikjarazzjoni ta' awtentiċità ffirmata, u kopja elettronika lil-Librerija tal-Università. Il-verżjoni elettronika għandha tikkonforma mal-livelli stabbiliti mil-Librerija tal-Università ta' Malta.

Id-Dritt tal-Awtur u l-Proprjetà Intellettwali

78. L-istudenti għandhom jirrispettaw il-Politika tal-Proprjetà Intellettwali tal-Università ta' Malta.

Il-Konsegwenzi tat-Tluq mill-Kors

79. L-istudenti jistgħu jitħallew biss jerġgħu jidħlu f'Kors skont kif stipulat fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università. Meta jerġgħu jidħlu fil-Kors, l-istudenti jkunu meħtieġa jsegwu l-Programm ta' Studju li jkun applikabbli għal dik is-sena u jkunu meħtieġa jsegwu t-Taqsimiet Studju kollha, anke dawk li jkunu għaddew minnhom fil-Kors li weħlu minnu.

80. Meta student jabbanduna Kors jew min jeddu jew għaliex skont dawn ir-regolamenti ma jkunx jikkwalifika biex jibqa' miexi 'l quddiem, u sakemm l-Ordinamenti tal-Kors ma jkunux jaħsbu għall-għoti ta' rikonoxximent għall-parti tal-Kors li jkun spiċċa b'suċċess:

(a) jekk l-istudent ikun kiseb tal-anqas 60 krettu, għandu jingħata d-Diploma in General Studies (Dip. Gen.St.);

(b) jekk l-istudent ikun kiseb tal-anqas 120 krettu, għandu jingħata il-Higher Diploma in General Studies (H.Dip. Gen. St.);

(ċ) jekk l-istudent jikseb tal-anqas 180 krettu fil-Kors li jabbanduna, u jkunu skont id-definizzjoni ta' grad ta' Baċellerat fil-paragrafu (4) tar-regolament 3, l-istudent jista' jitlob biex jingħata l-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.); u

(d) f'kull każ, l-istudenti li jingħatalhom rikonoxximent bis-saħħa ta' dan ir-regolament wara li jkunu abbandunaw Kors għar-raġuni li kienu ineliġibbli li jkompluh, ma jkollhomx dritt li jerġgħu jiddaħħlu biex ikomplu l-istudji tagħhom fl-istess Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti sal-Ewwel Grad

81. (1) Iċ-Ċertifikati jingħataw mingħajr klassifika.

(2) Id-Diplomi u d-Diplomi Għolja għandhom jingħataw xi waħda mill-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

(3) Il-Gradi ta' Baċellerat għandhom jingħataw f'waħda minn dawn il-kategoriji:

Kategorija I (*Summa Cum Laude*)
Kategorija IIA (*Magna Cum Laude*)
Kategorija IIB (*Cum Laude*)
Kategorija III (*Bene Probatus*).

(4) Il-Gradi ta' Baċellerat bl-Unuri għandhom jingħataw f'waħda minn dawn il-klassijiet:

Grad bl-Unuri fl-Ewwel Klassi (*Summa Cum Laude*)
Grad bl-Unuri fit-Tieni Klassi (ta' Fuq) (*Magna Cum Laude*)
Grad bl-Unuri fit-Tieni Klassi (ta' Taħt) (*Cum Laude*)
Grad bl-Unuri fit-Tielet Klassi (*Bene Probatus*).

(5) Grad ta' Baċellerat miksub b'mod konformi mal-dispożizzjonijiet tar-regolament 3(4)(ii) għandu jingħata l-klassi ta' Għadda (*Probatus*).

82. Il-klassifika tar-rikonoxximenti għandha tiġi deċiża mill-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent skont kriterji li għandhom ikunu indikati fl-Ordinamenti tal-Kors u li għandhom josservaw dawn il-dispożizzjonijiet:

(a) il-prestazzjoni fit-Taqsimiet Studju ta' Kors għal Ċertifikat, Diploma jew Diploma Għolja normalment għandu jingħatalhom l-istess piż iżda, fil-każ ta' Kors ta' Diploma jew Diploma Għolja li jkun fih Taqsimiet Studju tal-Livell 2, dawn it-taqsimiet jistgħu jitqiesu sad-doppju tat-Taqsimiet Studju tal-Livell 1; u

(b) f'Korsijiet għal grad, il-prestazzjoni fit-Taqsimiet Studju ta' kull sena tal-Kors jista' jingħatalhom piż differenti hi u tinħadem il-Marka Medja Finali Mwieżna, sakemm il-piż li jingħata lit-Taqsimiet Studju ta' xi sena partikolari ma jaqbiżx il-65%.

Il-Bord għall-Klassifika tar-Rikonoxximenti

83. (1) Il-Bordijiet għall-Klassifika tar-Rikonoxximenti għandhom ikunu magħmula minn:

(a) għall-Korsijiet li għandhom qasam ta' studju ewlieni wieħed, il-Bord għall-Klassifika tar-Rikonoxximenti għandu jkun magħmul mill-membri tal-Bord tal-Istudji u l-eżaminatur barrani meta jkun maħtur, iżda mhux ir-rappreżentanti tal-istudenti; u

(b) għall-Korsijiet li għandhom żewġ oqsma ta' studju ewlenin, il-Bord għall-Klassifika tar-Rikonoxximenti għandu jkun magħmul minn mhux anqas minn erba' membri, inkluż iċ-*chairman* ta' kull Bord tal-Istudji, u l-eżaminutur barrani meta jkun maħtur.

(2) Huma u jiffissaw il-klassifika tar-rikonoxximenti fit-tmiem ta' kull Kors, il-Bordijiet għall-Klassifika tar-Rikonoxximenti għandhom jikkonsultaw il-linji gwida li ġejjin:

(a) id-Diplomi/Diplomi Għolja normalment jingħataw b'dan il-mod:

Il-Marka Medja Finali Mwieżna	**Il-Klassifikazzjoni**
100 - 80%	Għadda b'Distinzjoni
79 - 70%	Għadda b'Mertu
69 - 45%	Għadda.

(b) Il-Gradi normalment jingħataw b'dan il-mod:

Marka Medja	Gradi ta' Baċellerat	Gradi ta' Baċellerat bl-Unuri
100% - 80%	Kategorija I	L-Ewwel Klassi bl-Unuri
79% - 70%	Kategorija IIA	It-Tieni Klassi ta' Fuq bl-Unuri
69% - 55%	Kategorija IIB	It-Tieni Klassi ta' Taħt bl-Unuri
54% - 45%	Kategorija III	It-Tielet Klassi.

(3) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jagħti klassifikazzjoni ogħla minn dik li hi indikata lill-istudenti li l-Marka Medja Finali Mwieżna tagħhom tkun sa ħames marki anqas mill-minimu għall-kategorija/klassi, sakemm li l-istudenti kollha li jiksbu l-istess Marka Medja Finali Mwieżna jew ogħla f'dik il-kategorija/klassi għandhom jingħataw il-klassifikazzjoni l-għolja. F'dawn il-każijiet, il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti huwa meħtieġ iniżżel id-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni għaliha.

(4) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' wkoll jagħti klassifikazzjoni aktar baxxa minn dik li hi indikata fil-linji gwida ta' hawn fuq, sakemm li l-istudenti kollha li jiksbu l-istess Marka Medja Finali Mwieżna jew waħda aktar baxxa f'dik il-kategorija/klassi għandhom jingħataw il-klassifikazzjoni l-baxxa. F'dawn il-każijiet, il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent huwa meħtieġ jikseb l-awtorizzazzjoni tal-Bord tal-Fakultà responsabbli għall-Kors partikolari li għandu jniżżel id-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni għaliha. L-istudent/i konċernat/i jistgħu jappellaw lis-Senat kontra d-deċiżjoni sa ġimgħatejn wara l-pubblikazzjoni tal-klassifikazzjoni finali.

(5) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent, wara li jkun iffinaliżża l-klassifikazzjoni tal-grupp f'Kors, għandu jbaxxi b'kategorija waħda il-klassifikazzjoni ta' dawk l-istudenti li jkunu wżaw sena ta' studju estiża wara aktar minn sena waħda tal-Kors, iżda il-klassifikazzjoni ma' tinbililx għal dawk l-istudenti li qabel dan l-eżercizzju jkunu ngħataw diġà l-aktar klassifikazzjoni baxxa.

(6) L-istudenti li temmew il-Kors fl-istess sena akkademika għandhom ikunu kklassifikati mal-grupp ta' studenti li qegħdin itemmu l-Kors fl-istess sena akkademika skont ir-regoli għall-klassifikazzjoni applikabbli f'dak iż-żmien.

Mixxellanji

Il-Bidliet fil-Programmi u t-Taqsimiet Studju Ppubblikati

84. L-Università għandha tagħmel ħilitha kollha biex tiżgura li l-Pjanijiet ta' Kors, il-Programmi ta' Studju u l-Katalogi tat-Taqsimiet Studju jkunu kompleti u aġġornati, iżda żżomm id-dritt li tagħmel xi tibdil fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord

rilevanti. Id-disponibilità ta' Taqsimiet Studju fakultattivi tista' tkun tiddependi mir-restrizzjonijiet tal-orarju. Taqsimiet li għalihom ma jkunx hemm numru ta' reġistrazzjonijiet suffiċjenti jistgħu jiġu rtirati mingħajr avviż.

Il-Konsegwenzi ta' Obbligazzjonijiet Mhux Mitmuma

85. Student li jkollu d-dejn mal-Università, jew li b'xi mod ieħor ikollu obbligazzjonijiet lejn l-Università mhux mitmuma, m'għandux jitħalla jirreġistra mill-ġdid f'xi sessjonijiet ta' wara, u lanqas ma għandu jingħata grad, diploma għolja, diploma jew ċertifikat lill-istudent li kellu dejn jew obbligazzjonijiet mhux mitmuma, jekk mhux bil-permess speċjali tar-Rettur, jew sakemm id-dejn jitħallas jew l-obbligazzjoni titwettaq.

L-Imġieba Ħażina u/jew mhix xierqa fil-Professjoni

86. (1) Fil-każ ta' studenti li jkunu qed isegwu Korsijiet li jinvolvu xogħol ma' persuni vulnerabbli, l-Università tista' f'kull waqt tissospendi jew twaqqaf milli jibqa' miexi bl-istudji lil kull student li, wara li jkunu saru l-proċeduri investigattivi xierqa li s-Senat jista' jistabbilixxi għal każijiet bħal dawn, jitqies li ġab jew qed iġib ruħu b'manjiera li tipperikola l-ġid tal-individwu (kemm jekk ikun pazjent, student jew klijent) jew li tmur kontra l-kodiċi tal-imġieba professjonali rilevanti (jiġifieri, jimxi b'imġieba professjonali ħażina), jew li mġibtu titqies inkompatibbli ma' dak li titlob il-professjoni (jiġifieri, jimxi b'imġieba li ma tixraqx lill-professjoni).

(2) L-Università tista' titlob mingħand l-istudenti Ċertifikat ta' Kondotta Tajba tal-Pulizija. L-istudenti għandhom jinfurmaw lill-Università jekk id-dikjarazzjoni fuq iċ-ċertifikat tagħhom tinbidel matul ir-reġistrazzjoni tagħhom f'xi Kors tal-università, f'liema każ din id-dikjarazzjoni għandha tkun ikkunsidrata minn sotto-kumitat tal-Bord tad-Dħul maħtur mis-Senat għal dan il-għan.

Dispożizzjonijiet Speċjali għall-Korsijiet *part-time* u Korsijiet li Jibdew fi Frar

87. (1) Bord jista', minn żmien għal żmien, joffri lill-istudenti l-opportunità li jsegwu Kors fuq bażi *part-time* f'Oqsma ta' Studju li għandhom ikunu indikati qabel ma jibda l-Kors.

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti ta' hawn fuq għandhom jibqgħu jgħoddu *mutatis mutandis* għall-Korsijiet segwiti fuq bażi *part-time* u għal Korsijiet li jibdew fil-bidu tat-tieni simestru u jkunu suġġetti għal dawk il-bidliet li l-Bord relevanti jista' raġonevolment iqis meħtieġa minħabba n-natura *part-time* tal-Kors jew minħabba li l-Kors ikun beda fil-bidu tat-tieni simestru.

Il-Ftehim ta' Kunfidenzjalità

88. (1) (a) Informazzjoni kunfidenzjali tinkludi, iżda mhux limitata biss għal, proċessi ta' taħriġ, informazzjoni, metodoloġiji u manwali; *workbooks*; dikjarazzjonijiet ta' prattika operattiva; speċifikazzjonijiet; tpinġijiet; disinji; formuli; skoperti; invenzjonijiet; informazzjoni teknika; proċessi ġenerali; *notebooks* tal-laboratorju; manuskritti; *software*; informazzjoni dwar il-metodi, kunċetti u metodi ta' teknika li fuqhom is-*software* hija bbażata; kampjuni; finanzi; mudelli finanzjarji; ipprezzar u informazzjoni kummerċjali oħra; pjanijiet ta' negozju; pjanijiet ta' '*marketing*'; u kwalunkwe informazzjoni meqjusa bħala sensittiva mill-Kumitat tal-Etika tar-Riċerka tal-Università.

(b) Data personali li tista' tiġi fil-pussess tal-istudenti u / jew li l-istudenti jistgħu jkunu esposti għaliha u / jew li l-istudenti jista' jkollhom aċċess għaliha meta jkunu qegħdin jagħmlu xi pjazzament u / jew prattika klinika biex ikomplu l-istudji tagħhom fl-Università għandha titqies ukoll bħala informazzjoni kunfidenzjali.

(2) L-istudenti huma marbuta li ma jiżvelawx xi informazzjoni kunfidenzjali li tista' tiġi fil-pussess tagħhom u / jew li jkunu esposti għaliha u / jew li huma jkollhom aċċess għaliha. Barra minn hekk, jekk ikun hemm bżonn, l-Università tista' titlob lill-istudent biex jiffirma ftehim speċifiku ta' kunfidenzjalità.

(3) Suġġett għall-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, l-informazzjoni m'għandhiex tkun ikkunsidrata bħala informazzjoni kunfidenzjali jekk:

(a) tkun diġà magħrufa mill-istudent u ma tkunx suġġetta għal kwalunkwe obbligu ta' kunfidenzjalità mill-istudent lill-Università;

(b) tkun jew issir magħrufa pubblikament mingħajr att jew ommissjoni tal-istudent;

(ċ) tinkiseb mill-istudent minn parti terza bi dritt validu li jiżvela din l-informazzjoni kunfidenzjali, sakemm li l-parti terza ma tkunx taħt obbligu kunfidenzjali lill-Università;

(d) tkun approvata bil-miktub minn rappreżentant awtorizzat tal-Università li ssir pubblika; jew

(e) l-istudent huwa speċifikament meħtieġ li jiżvela skont xi liġi jew ordni ta' kwalunkwe Qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti.

Il-Kunfidenzjalità tax-Xogħol Evalwat tal-Istudenti

89. (1) Meta l-istudent iqis li x-xogħol evalwat tal-istudent għandu jibqa' kunfidenzjali matul jew wara li jtemm il-Programm ta' Studji jew ta' riċerka, talba biex dan jibqa' taħt embargo għandha ssir lill-Kumitat tal-Librerija. Il-Kumitat tal-Librerija għandu jikkonsulta mal-Fakultà kkonċernata qabel ma jieħu deċiżjoni. Il-perijodu tal-kunfidenzjalità approvat m'għandux normalment jeċċedi sentejn mis-sottomissjoni finali ta' dan ix-xogħol lill-Università. Madankollu, fil-każijiet fejn il-pubblikazzjoni tax-xogħol evalwat tal-istudent juri li jista' jkun ta' detriment għall-istudent jew għall-Università jew għall-isponsor jew għall-korp ta' finanzjament jew għall-persuni msemmija f'dan ix-xogħol, jista' jiġi approvat perijodu ulterjuri.

(2) Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għal paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, l-Università iżżomm id-dritt li titlob embargo tax-xogħol evalwat tal-istudent. Fil-każ li x-xogħol evalwat tal-istudent huwa taħt embargo, l-istudent ikun marbut biex iqis il-kontenut ta' dan ix-xogħol bħala kunfidenzjali. Qabel kwalunkwe pubblikazzjoni, id-dispożizzjonijiet dwar il-pubblikazzjoni u l-isfruttament, kif iddettaljat fil-Politika tal-Proprjetà Intellettwali tal-Università ta' Malta għandhom japplikaw f'kull każ.

Il-Protezzjoni tad-Data

90. (1) L-istudenti għandhom jirrispettaw il-proċeduri u / jew ir-regolamenti kollha applikabbli tal-protezzjoni tad-data tal-Università li jistgħu jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(2) L-istudenti għandhom jipproċessaw biss data personali li tista' tiġi fil-pussess tagħhom u / jew li jistgħu jkunu esposti għaliha u / jew li jista' jkollhom aċċess għaliha meta jkunu qegħdin jagħmlu xi pjazzament u / jew prattika klinika biex ikomplu l-istudji tagħhom fl-Università:

(a) jekk, fejn u kif meħtieġ għall-iskopijiet tal-pjazzament relevanti tax-xogħol u / jew tal-prattika klinika; u

(b) skont l-istruzzjonijiet kollha maħruġa mill-Università u / jew l-aġenzija / entità esterna rilevanti li tieħu ħsieb il-pjazzamenti f'dan ir-rigward.

(3) It-termini 'data personali' u 'ipproċessar (ta' data personali)' għandu jkollhom it-tifsiriet assenjati lilhom fir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data Ġenerali (Regolament (UE) 2016/679).

Il-Provvediment Ġenerali

91. Kull fejn fi kwalunkwe regolamenti jew ordinamenti ta' Kors magħmulin skont l-Att tal-Edukazzjoni (Kap. 327) hemm riferenza għar-"Regolamenti Ġenerali tal-2004 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad", minflok din ir-riferenza għandhom jidħlu dawn il-kliem "Regolamenti Ġenerali tal-2019 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad".

B 1967

Skeda I

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

RIŻOLUZZJONI TAS-SENAT

Is-Sistema tal-Għoti tal-Kodiċi lit-Taqsimiet Studju

Taqsima Studju nistgħu niddeskrivuha bħala ġebla waħda fil-bini tal-iskema tar-rikonoxximenti universitarji. Hija l-unita' bażika tat-tagħlim - komponent għalih fil-programm ta' ċertifikat, diploma jew grad. Normalment tkun magħmula minn sensiela ta' lekċers/laqgħat tutorjali/sessjonijiet prattiċi, iżda tista' tkun magħmula wkoll minn studju privat biss, bħalma jiġri, ngħidu aħna, fit-Taqsima Studju ta' Dissertazzjoni. Kull Taqsima Studju jkollha l-għanijiet speċifiċi tagħha, is-sillabu tagħha, mudell ta' tagħlim u metodu għall-valutazzjoni tal-progress tal-istudent.

It-tagħlim tat-Taqsimiet Studju jsir f'livelli differenti, li kull wieħed minnhom jirrifletti l-istandard akkademiku tat-Taqsima Studju li tkun u l-piż ta' xogħol li jkun mitlub mill-istudenti huma u jitilgħu minn sena għal oħra.

Qabelxejn, ir-responsabbilta' li tiżgura l-kwalita' akkademika ta' kull Taqsima Studju, li fiha jidħlu l-kontenut, it-twassil tiegħu u l-valutazzjoni, taqa' fuq dik l-entita' akkademika, li normalment tkun dipartiment jew diviżjoni akkademika. Il-Fakultà, l-Istitut, iċ-Ċentru jew l-Iskola li fi ħdanu jaqa' d-dipartiment, id-diviżjoni jew l-unità ikun responsabbli mill-kontroll tal-kwalita' akkademika fil-livell ogħla li jmiss fuq it-Taqsimiet Studju offruti taħt ir-responsabbilta' tal-Fakultà jew tal-Istitut jew taċ-Ċentru jew tal-Iskola.

Fl-aħħar mill-aħħar, hija l-Universita', permezz tas-Senat, li hija responsabbli biex tiżgura l-kontroll tal-kwalita' akkademika, is-sistema tal-eżaminaturi barranin, il-bordijiet tal-eżamijiet, id-dħul fil-programm ta' kors, inklużi t-Taqsimiet Studju li jiffurmaw il-programm, u li tara li jkun hemm ir-riżorsi meħtieġa, inkluż dawk umani. Hija l-Universita' li tawtorizza kull bidla fil-kontenut u fl-istruttura tal-programm u li minn żmien għal żmien tista' tagħmel reviżjoni formali ta' kull programm.

Is-sistema tal-kodifikazzjoni tirrifletti l-prinċipji mfissra hawn fuq u hija applikabbli minn Ottubru 2002 'il quddiem.

Kif jingħataw il-Kodiċi

Kull Taqsima Studju għandha tingħatalha kodiċi unika, tliet ittri li jindikaw id-dipartiment, id-diviżjoni jew l-unità u erba' numri.

Il-kodiċi bl-ittri jingħataw lil kull entita, li tista' tkun dipartiment jew diviżjoni, li s-Senat ikun afdalha r-responsabbilta' tat-tagħlim u r-riċerka f'dixxiplina jew sotto-dixxiplina partikulari. B'hekk, kull Taqsima Studju li l-kodiċi tagħha tkun tibda b'ittri partikulari tindika li l-bord tad-dipartiment/diviżjoni ikkonċernat qed jassumi r-responsabbilta' ta' dik it-Taqsima Studju. U min-naħa l-oħra, wieħed għandu jassumi li s-Senat ma jawtorizzax lil entitajiet biex joffru Taqsimiet Studju ħlief fis-suġġett/qasam ta' studju li jkun jaqa' taħt ir-responsabbilta' akkademika afdata lilhom.

Il-lista tal-kodiċi għal Fakultajiet, Istituti, Ċentri u Skejjel kif ukoll għad-dipartimenti, diviżżjonijiet, unitajiet u oqsma ta' studju kif approvati mis-Senat u mill-Kunsill tkun ippubblikata fuq is-sit elekkroniku tal-Uffuċju tar-Reġistratur:

http://www.um.edu.mt/registrar/dept-codes.pdf

L-Għoti tan-Numri

L-ewwel numru għandu jindika l-livell li fih qed tiġi offruta t-Taqsima Studju, u li jkun mogħti mid-dipartiment/diviżjoni konċernat skont il-kriterji li ġejjin:

Livell 0 Taqsimiet Studju pre-terzjarji jew tal-bażi jew ta' kompetenza.

Livell 1 Taqsimiet Studju li normalment jiġu offruti fl-ewwel sena ta' Kors sal-Ewwel Grad fejn wieħed jassumi li l-istudenti jkollhom livell ġenerali ta' edukazzjoni li jkun jixraqlu għall-anqas ir-rikonoxximent taċ-Ċertifikat tal-Matrikola. Fil-korsijiet fejn biex tidħol irid ikollok rekwiżiti speċjali tal-kors, bħalma huwa grad ta' "Għadda" f'suġġett ta' Livell Avvanzat, il-lekċerers jistgħu jassumu li l-istudenti għandhom joffru s-suġġett sal-livell indikat.

Livelli 2 u 3 Taqsimiet Studju offruti fit-tieni u t-tielet sena ta' Kors sal-Ewwel Grad. Kretti ta' Livell 3 jiġu offruti wkoll fir-raba' sena ta' kors mhux professjonali sal-ewwel Grad. Il-lekċerers jistgħu jassumu li l-istudenti għandhom l-abilitajiet meħtieġa assoċjati mal-istudju f'livell terzjarju.

Livell 4 Taqsimiet Studju offruti fir-raba' u l-ħames sena ta' Kors Professjonali. Għalkemm dawn it-Taqsimiet Studju, li fihom normalment jiġu mgħallma kompetenzi professjonali, jingħataw f'livell ogħla mill-Livell 3, xorta waħda jitqiesu bħala Taqsimiet Studju f'livell sal-Ewwel Grad.

Livell 5 Taqsimiet Studju offruti f'livell ta' wara l-ewwel grad, bħalma huma t-Taqsimiet Studju li huma esklussivament meħtieġa għall-għoti ta' kwalifiki ta' wara l-ewwel grad.

Livell 6 Teżijiet għal grad ta' Dottorat u dissertazzjonijiet sottomessi bħala parti mir-rekwiżiti għal grad ta' Dottorat Professjonali.

It-tieni, it-tielet u r-raba' numri huma n-numri mogħtija lil kull Taqsima Studju mid-dipartiment/diviżjoni li jkun qed joffri dik it-Taqsima Studju.